



*Kumitat għall-Affarijiet Barranin
Kumitat għall-Baġits*

2023/0397(COD)

16.2.2024

EMENDI 141 - 552

**Abbozz ta' rapport
Tonino Picula, Karlo Ressler**
(PE758.888v01-00)

L-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent

Proposta għal regolament
(COM(2023)0692 – C9-0408/2023 – 2023/0397(COD))

Emenda 141
Vladimír Bilčík

Proposta għal regolament
Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1 Il-proċess tat-tkabbir huwa mibni fuq il-kriterji ta' Copenhagen stabbiliti u kundizzjonalità ġusta u rigoruża. Kull benefiċjarju jiġi vvalutat fuq il-merti proprji tiegħu. Sabiex il-prospettiva ta' tkabbir issir realtà, għadu essenzjali li jkun hemm impenn sod għall-“prijorità tal-kwistjonijiet fundamentali”. L-approċċ tal-“prijorità tal-kwistjonijiet fundamentali” jorbot l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali maż-żewġ oqsma kruċjali l-oħra tal-proċess ta' adeżjoni: il-governanza ekonomika – enfasi msaħħa fuq l-iżvilupp ekonomiku u kompetittività mtejba – u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Il-progress lejn l-adeżjoni jiddependi mir-rispett ta' kull applikant għall-valuri tal-Unjoni u l-kapaċità tiegħu li jwettaq u jimplimenta r-riformi neċessarji sabiex jallinja s-sistemi politiċi, istituzzjonali, ġuridiċi, amministrattivi u ekonomiċi mar-regoli, mal-istandards, mal-politiki u mal-prattiki tal-Unjoni, filwaqt li jippromwovi relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

Or. en

Emenda 142
Eric Minardi, Joachim Kuhs

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u tas-sħab tagħha tal-Balkani tal-Punent¹ li

(1) Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u tas-sħab tagħha tal-Balkani tal-Punent¹ li

javvanzaw l-isforzi għar-riforma tas-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi **ta' dawn tal-aħħar bil-ħsieb tas-sħubija futura tagħhom fl-Unjoni. Il-possibbiltà ta' sħubija mal-Unjoni għandha effett trasformattiv qawwi fejn il-bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali rabbiet l-għeruq.**

¹ L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.* Din id-denominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija f'konformità mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo

javvanzaw l-isforzi għar-riforma tas-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi.

¹ L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.* Din id-denominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija f'konformità mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo

Or. en

Emenda 143

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u ***tas-sħab*** tagħha tal-Balkani tal-Punent¹ li javvanzaw l-isforzi għar-riforma tas-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi ta' dawn tal-aħħar bil-ħsieb tas-sħubija futura tagħhom fl-Unjoni. Il-possibbiltà ta' sħubija mal-Unjoni għandha effett trasformattiv qawwi fejn il-bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali rabbiet l-għeruq.

¹ L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.* ***Din id-denominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija f'konformità mal-UNSCR 1244/1999 u***

Emenda

(1) Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u ***tal-pajjiżi sħab*** tagħha tal-Balkani tal-Punent¹ li javvanzaw l-isforzi għar-riforma tas-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi ta' dawn tal-aħħar bil-ħsieb tas-sħubija futura tagħhom fl-Unjoni. Il-possibbiltà ta' sħubija mal-Unjoni għandha effett trasformattiv qawwi fejn il-bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika, ***ambjentali*** u soċjali rabbiet l-għeruq.

¹ L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.

Emenda 144
Angel Dzhambazki

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u tas-sħab tagħha tal-Balkani tal-Punent¹ li javvanzaw l-isforzi għar-riforma tas-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi ta' dawn tal-aħħar bil-ħsieb tas-sħubija futura tagħhom fl-Unjoni. Il-possibbiltà ta' sħubija mal-Unjoni għandha effett trasformattiv qawwi fejn il-bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali rabbiet l-għeruq.

¹ L-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo*, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.* Din id-denominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija f'konformità mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo

Emenda

(1) Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u tas-sħab tagħha tal-Balkani tal-Punent¹ li javvanzaw l-isforzi għar-riforma tas-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi ta' dawn tal-aħħar bil-ħsieb tas-sħubija futura tagħhom fl-Unjoni. Il-possibbiltà ta' sħubija mal-Unjoni għandha effett trasformattiv qawwi fejn il-bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali rabbiet l-għeruq. ***Ifakkar li s-sħubija mal-Unjoni ma hijiex sempliċement att simboliku iżda tirrikjedi impenji serji għall-valuri u l-istandards tal-Unjoni.***

¹ L-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo*, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.* Din id-denominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija f'konformità mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo

Emenda 145
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Premessa 1

(1) Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u tas-sħab tagħha tal-Balkani tal-Punent¹ li javvanzaw l-isforzi għar-riforma tas-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi ta' dawn tal-aħħar bil-ħsieb tas-sħubija futura tagħhom fl-Unjoni. Il-possibbiltà ta' sħubija mal-Unjoni għandha effett trasformattiv qawwi fejn il-bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali rabbiet l-għerūq.

¹ L-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo*, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.* Din id-denominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija f'konformità mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo

(1) Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u tas-sħab tagħha tal-Balkani tal-Punent¹ li javvanzaw l-isforzi għar-riforma tas-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi ta' dawn tal-aħħar bil-ħsieb tas-sħubija futura tagħhom fl-Unjoni. Il-possibbiltà ta' sħubija mal-Unjoni għandha effett trasformattiv qawwi fejn il-bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali rabbiet l-għerūq. ***Prerekwiżit fundamentali għas-sħubija fl-Unjoni huwa l-konformità mal-kriterji ta' Copenhagen, li huma bbażati fuq il-valuri tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.***

¹ L-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo*, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.* Din id-denominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija f'konformità mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo

Or. en

Emenda 146

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

(1a) L-adeżjoni mal-UE trid dejjem tkun proċedura bbażata fuq il-mertu u kull pajjiż ta' tkabbir jeħtieġlu jiġi vvalutat fuq il-merti tiegħu stess fl-issodisfar tal-kriterji ta' Copenhagen, b'mod partikolari fl-iżgurar tar-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom.

Filwaqt li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tat sinifikat u impetu ġodda għat-tkabbir, il-perkors tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent lejn is-sħubija mal-UE jeħtieġ li jkun ankrat sew fil-progress u r-riformi tanġibbli u konkreti li jwettqu l-pajjiżi tal-adeżjoni. Biex jiġi ggarantit is-suċċess tat-tkabbir bħala strument effettiv tal-politika barranija tal-UE, hija meħtieġa rieda politika ġenwina kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi ta' tkabbir.

Or. en

Emenda 147
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-progress fil-proċess tat-tkabbir jista' jkun biss ibbażat fuq il-mertu u stabbilit fuq kriterji ċari b'enfasi fuq id-drittijiet u l-valuri fundamentali, kif ukoll ir-rieda li jiġu implimentati r-riformi meħtieġa biex jallinja s-sistemi politiċi, istituzzjonali, ġuridiċi, amministrattivi u ekonomiċi tiegħu mar-regoli, mal-istandards, mal-politiki u mal-prattiki tal-Unjoni, filwaqt li jippromwovi relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

Or. en

Emenda 148
Georgios Kyrtos, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Filwaqt li jitqies il-fatt li aktar

minn 20 sena wara s-summit ta' Tessalonika, l-istati tal-Balkani tal-Punent jinsabu fi stadji differenti tal-proċess ta' adeżjoni, filwaqt li jirrispettaw dinamika differenti fl-isforzi tagħhom biex jissodisfaw il-kapitoli ta' negozjar obbligatorji.

Or. en

Emenda 149

Georgios Kyrtos, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Fid-dawl tal-importanza ġeostrateġika tal-istrateġija tat-tkabbir fir-rigward tal-Balkani tal-Punent għas-sigurtà, il-paċi u l-istabbiltà tal-Istati Membri tal-UE fid-dawl tal-bidliet dinamiċi fl-ambjent internazzjonali, speċifikament bl-invażjoni aggressiva tar-Russja fl-Ukrajna.

Or. en

Emenda 150

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Hemm bżonn li jiġu ppreżentati wħud mill-vantaġġi tas-sħubija mal-Unjoni qabel l-adeżjoni. Il-konverġenza ekonomika tinsab fil-qalba ta' dawn il-benefiċċji. Bħalissa, il-konverġenza tal-Balkani tal-Punent f'termini ta' PDG per capita espressa fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist għadha baxxa bejn 30 % u 50

(2) Hemm bżonn li *ssir ħidma favur l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE mill-aktar fis possibbli, kif ukoll li jiġu ppreżentati wħud mill-vantaġġi tas-sħubija mal-Unjoni qabel l-adeżjoni. Flimkien mat-tranżizzjoni demokratika u mar-rispett għad-drittijiet u l-valuri fundamentali*, il-konverġenza

% tal-medja tal-Unjoni u ma hijiex qiegħda tagħmel progress mgħaġġel biżżejjed.

ekonomika tinsab fil-qalba ta' dawn il-benefiċċji. Bħalissa, il-konverġenza tal-Balkani tal-Punent f'termini ta' PDG per capita espressa fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist għadha baxxa bejn 30 % u 50 % tal-medja tal-Unjoni u ma hijiex qiegħda tagħmel progress mgħaġġel biżżejjed.

Or. en

Emenda 151 **Vladimír Bilčík**

Proposta għal regolament **Premessa 2**

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Hemm bżonn li jiġu ppreżentati wħud mill-vantaġġi tas-sħubija mal-Unjoni qabel l-adeżjoni. Il-konverġenza ekonomika tinsab fil-qalba ta' dawn il-benefiċċji. Bħalissa, il-konverġenza tal-Balkani tal-Punent f'termini ta' PDG per capita espressa fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist għadha baxxa bejn 30 % u 50 % tal-medja tal-Unjoni u ma hijiex qiegħda tagħmel progress mgħaġġel biżżejjed.

Emenda

(2) Hemm bżonn li jiġu ppreżentati wħud mill-vantaġġi tas-sħubija mal-Unjoni qabel l-adeżjoni. ***Flimkien mat-tranżizzjoni demokratika u mar-rispett għad-drittijiet u l-valuri fundamentali, inkluż l-istat tad-dritt***, il-konverġenza ekonomika tinsab fil-qalba ta' dawn il-benefiċċji. Bħalissa, il-konverġenza tal-Balkani tal-Punent f'termini ta' PDG per capita espressa fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist għadha baxxa bejn 30 % u 50 % tal-medja tal-Unjoni u ma hijiex qiegħda tagħmel progress mgħaġġel biżżejjed.

Or. en

Emenda 152 **Angel Dzhambazki**

Proposta għal regolament **Premessa 2**

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Hemm bżonn li jiġu ppreżentati wħud mill-vantaġġi tas-sħubija mal-Unjoni

Emenda

(2) Hemm bżonn li jiġu ppreżentati wħud mill-vantaġġi tas-sħubija mal-Unjoni

qabel l-adeżjoni. Il-konverġenza ekonomika tinsab fil-qalba ta' dawn il-benefiċċji. Bħalissa, il-konverġenza tal-Balkani tal-Punent f'termini ta' PDG per capita espressa fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist għadha baxxa **bejn 30 % u 50 % tal-medja tal-Unjoni** u ma hijiex qiegħda tagħmel progress mgħaġġel biżżejjed.

qabel l-adeżjoni. Il-konverġenza ekonomika tinsab fil-qalba ta' dawn il-benefiċċji. Bħalissa, il-konverġenza tal-Balkani tal-Punent f'termini ta' PDG per capita espressa fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist għadha baxxa u ma hijiex qiegħda tagħmel progress mgħaġġel biżżejjed.

Or. bg

Emenda 153
Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Iqis li l-appoġġ għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fid-dawl tat-tkabbir tal-UE jibqa' importanti għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti meħtieġa relatati mal-adeżjoni;

Or. en

Emenda 154
Georgios Kyrtos, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Biex tnaqqas din id-differenza, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent ibbażata fuq erba' pilastrri: (a) iż-żieda fl-integrazzjoni mas-Suq Uniku tal-UE; (b) tingħata spinta lill-integrazzjoni ekonomika reġjonali, ibbażata fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE, billi jiġi implimentat bis-sħiħ il-Pjan ta'

(3) Biex tnaqqas din id-differenza, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent ibbażata fuq erba' pilastrri: (a) iż-żieda fl-integrazzjoni mas-Suq Uniku tal-UE; (b) tingħata spinta lill-integrazzjoni ekonomika reġjonali, ibbażata fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE, billi jiġi implimentat bis-sħiħ il-Pjan ta'

Azzjoni Komuni tas-Suq Reġjonali eżistenti; (c) l-approfondiment tar-riformi bl-għan li jitħaffef **it-tkabbir** fir-reġjun, il-promozzjoni tal-konverġenza ekonomika u t-tiżiż tal-istabbiltà reġjonali; u (d) l-istabbiliment ta' Strument ta' Finanzjament ġdid: il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent.

Azzjoni Komuni tas-Suq Reġjonali eżistenti; (c) l-approfondiment tar-riformi bl-għan li jitħaffef **l-iżvilupp ekonomiku** fir-reġjun, il-promozzjoni tal-konverġenza ekonomika **inklużiva u sostenibbli** u t-tiżiż tal-istabbiltà reġjonali; u (d) l-istabbiliment ta' Strument ta' Finanzjament ġdid: il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent.

Or. en

Emenda 155

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Biex tnaqqas din id-differenza, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent ibbażata fuq erba' pilastri: (a) iż-żieda fl-integrazzjoni mas-Suq Uniku tal-UE; (b) tingħata spinta lill-integrazzjoni ekonomika reġjonali, ibbażata fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE, billi jiġi implimentat bis-siġħ il-Pjan ta' Azzjoni Komuni tas-Suq Reġjonali eżistenti; (c) l-approfondiment tar-riformi bl-għan li jitħaffef **it-tkabbir** fir-reġjun, il-promozzjoni tal-konverġenza ekonomika u t-tiżiż tal-istabbiltà reġjonali; u (d) l-istabbiliment ta' Strument ta' Finanzjament ġdid: il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent.

Emenda

(3) Biex tnaqqas din id-differenza, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent ibbażata fuq erba' pilastri: (a) iż-żieda fl-integrazzjoni mas-Suq Uniku tal-UE; (b) tingħata spinta lill-integrazzjoni ekonomika reġjonali, ibbażata fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE, billi jiġi implimentat bis-siġħ il-Pjan ta' Azzjoni Komuni tas-Suq Reġjonali eżistenti; (c) l-approfondiment tar-riformi bl-għan li jitħaffef **l-iżvilupp sostenibbli** fir-reġjun, il-promozzjoni tal-konverġenza ekonomika u t-tiżiż tal-istabbiltà reġjonali; u (d) l-istabbiliment ta' Strument ta' Finanzjament ġdid: il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent.

Or. en

Emenda 156

Sunčana Glavak

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Biex tnaqqas din id-differenza, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent ibbażata fuq erba' pilastru: (a) iż-żieda fl-integrazzjoni mas-Suq Uniku tal-UE; (b) tingħata spinta lill-integrazzjoni ekonomika reġjonali, ibbażata fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE, billi jiġi implimentat bis-sħiħ il-Pjan ta' Azzjoni Komuni tas-Suq Reġjonali eżistenti; (c) l-approfondiment tar-riformi bl-għan li jitħaffef it-tkabbir fir-reġjun, il-promozzjoni **tal-konverġenza** ekonomika u t-tiżiħ tal-istabbiltà reġjonali; u (d) l-istabiliment ta' Strument ta' Finanzjament ġdid: il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent.

Emenda

(3) Biex tnaqqas din id-differenza, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent ibbażata fuq erba' pilastru: (a) iż-żieda fl-integrazzjoni mas-Suq Uniku tal-UE; (b) tingħata spinta lill-integrazzjoni ekonomika reġjonali, ibbażata fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE, billi jiġi implimentat bis-sħiħ il-Pjan ta' Azzjoni Komuni tas-Suq Reġjonali eżistenti; (c) l-approfondiment tar-riformi bl-għan li jitħaffef it-tkabbir fir-reġjun, il-promozzjoni **tat-tkabbir ekonomiku bbażat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, il-konverġenza** ekonomika u t-tiżiħ tal-istabbiltà reġjonali; u (d) l-istabiliment ta' Strument ta' Finanzjament ġdid: il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent.

Or. en

Emenda 157

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) L-implimentazzjoni ta' dak il-Pjan ta' Tkabbir tirrikjedi finanzjament miżjud fl-ambitu ta' Strument ta' Finanzjament ġdid dedikat, il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir, biex tgħin lir-reġjun fl-implimentazzjoni **tar-riformi li jippromwovu t-tkabbir**, l-integrazzjoni reġjonali u s-Suq Reġjonali Komuni.

Emenda

(4) L-implimentazzjoni ta' dak il-Pjan ta' Tkabbir tirrikjedi finanzjament miżjud fl-ambitu ta' Strument ta' Finanzjament ġdid dedikat, il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir, biex tgħin lir-reġjun fl-implimentazzjoni **ta' żvilupp inklużiv u sostenibbli, li jippromwovi riformi li jikkontribwixxu biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, kif ukoll biex jissaħħu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, inklużi l-indipendenza tal-ġudikatura, il-**

*protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-
għlieda kontra l-korruzzjoni kif ukoll
kwalunkwe tip ta' nepotiżmu, favoritiżmu,
ħasil tal-flus, evitar tat-taxxa, evażjoni tat-
taxxa, frodi tat-taxxa u kriminalità
organizzata, u billi tiġi promossa t-
tranżazzjoni ekoloġika u diġitali li tagħti
spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali
fir-reġjun b'mod soċjalment inklużiv kif
ukoll l-integrazzjoni reġjonali u s-Suq
Reġjonali Komuni.*

Or. en

Emenda 158
Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) L-implimentazzjoni ta' dak il-Pjan ta' Tkabbir tirrikjedi finanzjament miżjud fl-ambitu ta' Strument ta' Finanzjament ġdid dedikat, il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir, biex tgħin lir-reġjun fl-implimentazzjoni tar-riformi li jippromwovu t-tkabbir, l-integrazzjoni reġjonali u s-Suq Reġjonali Komuni.

Emenda

(4) L-implimentazzjoni ta' dak il-Pjan ta' Tkabbir tirrikjedi finanzjament miżjud fl-ambitu ta' Strument ta' Finanzjament ġdid dedikat, il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir, biex tgħin lir-reġjun fl-implimentazzjoni tar-riformi li jippromwovu t-tkabbir, l-integrazzjoni reġjonali u s-Suq Reġjonali Komuni, ***appoġġati permezz ta' evalwazzjoni komprensiva tal-effiċjenza biex jiġi żgurat li l-investimenti tassew jikkontribwixxu għat-tkabbir reġjonali.***

Or. en

Emenda 159
Georgios Kyrtsos, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) L-implimentazzjoni ta' dak il-Pjan

Emenda

(4) L-implimentazzjoni ta' dak il-Pjan

ta' Tkabbir tirrikjedi finanzjament miżjud fl-ambitu ta' Strument ta' Finanzjament ġdid dedikat, il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir, biex tgħin lir-reġjun fl-implimentazzjoni tar-riformi li jippromwovu t-tkabbir, l-integrazzjoni reġjonali u s-Suq Reġjonali Komuni.

ta' Tkabbir tirrikjedi finanzjament miżjud fl-ambitu ta' Strument ta' Finanzjament ġdid dedikat, il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir, biex tgħin lir-reġjun fl-implimentazzjoni tar-riformi li jippromwovu t-tkabbir, **u li jiffurmaw ambjent ta' investiment stabbli**, l-integrazzjoni reġjonali u s-Suq Reġjonali Komuni.

Or. en

Emenda 160

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Skont il-metodoloġija riveduta tal-2020 “It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni - Perspettiva tal-UE kredibbli għall-Balkani tal-Punent”, il-progress fil-prinċipji fundamentali jiddetermina l-pass ġenerali tan-negożjati tal-adeżjoni. Għal dan il-għan, il-Faċilità hija bbażata fuq kundizzjonalità stretta u l-aċċess għall-finanzjament jiddependi mit-twassil ta' riżultati tanġibbli u l-implimentazzjoni ta' riformi fil-qasam tal-prinċipji fundamentali. Barra minn hekk, biex jaċċessaw il-finanzjament previst f'din il-Faċilità, il-Benefiċjarji jeħtieġ li jkunu allinjati bis-sħiħ mal-għanijiet strateġiċi, il-valuri u l-interessi tal-UE, inkluż mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE.

Or. en

Emenda 161

Georgios Kyrtosos, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament

Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) *L-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità jenħtieġ li jsir disponibbli bil-prekundizzjoni li l-Benefiċjarji jkomplu jirrispettaw id-demokrazija parlamentari, il-mekkaniżmi u l-istituzzjonijiet demokratiċi effettivi, inklużi sistemi ta' kontrokontrolli xierqa, sistema parlamentari b'diversi partiti, governanza tajba fil-livelli kollha, elezzjonijiet ħielsa u ġusti skont il-valuri tal-UE, l-istat tad-dritt inkluż prosekutur pubbliku u ġudizzjarju indipendenti, u progress kontinwu fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Jenħtieġ li l-Balkani tal-Punent ikomplu wkoll jiggarantixxu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, u jaħdmu lejn parteċipazzjoni akbar tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet.*

Or. en

Emenda 162

Georgios Kyrtsos, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament

Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) *L-oġġettivi ġenerali tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir jenħtieġ li jkunu, fost l-oħrajn, li tassisti lill-Benefiċjarji jrawmu koeżjoni u reżiljenza soċjali, ekonomiċi, ambjentali u territorjali demokratiċi, u integrazzjoni progressiva fl-ekonomija u s-swieq tal-Unjoni u dawk globali kif ukoll konverġenza ekonomika, soċjali u ambjentali 'l fuq lejn l-istandards tal-Unjoni. Tali oġġettivi jenħtieġ li jiġu segwiti b'mod li jirrinforza lil xulxin b'mod reċiproku u b'monitoraġġ regolari taċ-ċirkostanzi soċjali u ekonomiċi li qed*

jevolvu fil-Balkani tal-Punent. Jenħtieġ li l-Benefiċjarji jiggarrantixxu aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar opportunitajiet ta' finanzjament fl-ambitu ta' din il-Faċilità, kif ukoll kompetizzjoni ħielsa u ġusta matul il-proċess ta' sejħa għall-offerti u allokkazzjoni ta' għotjiet fl-ambitu tal-Faċilità.

Or. en

Emenda 163

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Emenda

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ***u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji***: il-konnettività, inklużi t-trasport ***sostenibbli***, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ***inkluża l-promozzjoni tal-ogħla standards tal-effiċjenza enerġetika b'enfasi fuq networks tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzati, in-newtralità klimatika u l-ekonomija ċirkolari inkluż billi tingħata prijorità lis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika u l-użu ta' materjali li jinkisbu lokalment b'mod etiku***, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet. ***Il-Faċilità u l-investimenti kollha jenħtieġ li jkunu allinjati u jirrispettaw bis-sħiħ l-acquis tal-UE dwar il-klima u b'mod speċjali l-Prinċipju “La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti”.***

Or. en

Emenda 164

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Emenda

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ***u sabiex jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi***: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ***ir-riċerka u l-innovazzjoni***, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, ***b'attenzjoni partikolari liż-żgħażaġh***.

Or. en

Emenda 165

Vladimír Bilčík

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala ***multiplikaturi*** ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Emenda

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi ***u kapital uman*** li x'aktarx jiffunzjonaw bħala ***xprunaturi*** ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: ***l-SMEs***, il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ***ir-riċerka u l-innovazzjoni***, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Or. en

Emenda 166

Victor Negrescu

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Emenda

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, ***is-servizzi tas-saħħa, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, id-demokrazija, il-libertà tal-media.***

Or. en

Emenda 167

Željana Zovko

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Emenda

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet ***u l-investiment fil-kapital uman.***

Or. en

Emenda 168

Georgios Kyrtsos, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Emenda

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ***ir-riċerka u l-innovazzjoni***, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Or. en

Emenda 169
David McAllister

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Emenda

(5) Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fir-rigward taż-żoni ta' investiment fuq setturi li x'aktarx jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ewlenin għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku: ***is-saħħa***, il-konnettività, inklużi t-trasport, l-enerġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Or. en

Emenda 170
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Il-Faċilità jenħtieġ li tikkonforma mal-ogħla standards klimatiċi u

ambjentali u l-Aġendi għar-Riformi jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-proċeduri tal-Valutazzjoni Strateġika tal-Impatt Ambjentali sabiex jiġu identifikati u mmitigati kif xieraq l-impatti ambjentali u soċjali negattivi potenzjali. Jenħtieġ li jiġi żgurat id-dritt għall-aċċess pubbliku għall-informazzjoni mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-individwi inkluż id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali kif ukoll il-konformità sħiħa mal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

Or. en

Emenda 171
Angel Dzhambazki

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-infrastruttura tat-trasport hija essenzjali biex tittejjeb il-konnettività bejn is-sħab tal-Balkani tal-Punent u **mal-UE**. Jenħtieġ li tikkontribwixxi **għall-integrazzjoni** tar-reġjun fl-Unjoni. Fil-proposta tagħha li tirrevedi l-qafas trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T), il-Kummissjoni inkludiet Kuritur ġdid li jaqsam ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent (kuritur tal-Mediterran tal-Punent-Ilvant). In-network TEN-T jenħtieġ li jkun ir-referenza għall-finanzjament tal-infrastruttura tat-trasport fir-reġjun.

Emenda

(6) L-infrastruttura tat-trasport hija essenzjali biex tittejjeb il-konnettività bejn is-sħab tal-Balkani tal-Punent u **mal-Istati Membri tal-UE, b'mod speċjali dawk ġirien bi fruntieri diretti**. Jenħtieġ li tikkontribwixxi **għall-integrazzjoni effettiva tar-reġjun** fl-Unjoni **b'mod realistiku filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet reġjonali u l-isfidi ġeopolitiċi speċifiċi għal dawk il-pajjiżi**. Fil-proposta tagħha li tirrevedi l-qafas trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T), il-Kummissjoni inkludiet Kuritur ġdid li jaqsam ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent (kuritur tal-Mediterran tal-Punent-Ilvant). In-network TEN-T jenħtieġ li jkun ir-referenza għall-finanzjament tal-infrastruttura tat-trasport fir-reġjun, **b'mod speċjali dawk li diġà qegħdin fil-proċess jew bdew il-proċess li jibnu l-infrastrutturi meħtieġa. Il-finanzjament għal dawn il-proġetti minn programmi differenti tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi evitat. It-tlestija ta' proġetti eżistenti qabel ma jibdedw oħrajn**

Emenda 172

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-infrastruttura tat-trasport hija essenzjali biex tittejjeb il-konnettività bejn is-sħab tal-Balkani tal-Punent u mal-UE. Jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tar-reġjun fl-Unjoni. Fil-proposta tagħha li tirrevedi l-qafas trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T), il-Kummissjoni inkludiet Kuritur ġdid li jaqsam ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent (kuritur tal-Mediterran tal-Punent-Ilvant). In-network TEN-T jenħtieġ li jkun ir-referenza għall-finanzjament tal-infrastruttura tat-trasport fir-reġjun.

Emenda

(6) L-infrastruttura tat-trasport **sostenibbli** hija essenzjali biex tittejjeb il-konnettività bejn is-sħab tal-Balkani tal-Punent u mal-UE. Jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tar-reġjun fl-Unjoni. Fil-proposta tagħha li tirrevedi l-qafas trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T), il-Kummissjoni inkludiet Kuritur ġdid li jaqsam ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent (kuritur tal-Mediterran tal-Punent-Ilvant). In-network TEN-T jenħtieġ li jkun ir-referenza għall-finanzjament tal-infrastruttura tat-trasport fir-reġjun. **Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-mezzi tat-trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħall-ferroviji u d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.**

Emenda 173

Sunčana Glavak

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-Faċilità jenħtieġ li tappoġġa l-investment u r-riformi li jippromwovu t-triq tal-benefiċjarji lejn it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà f'konformità mal-viżjoni tal-UE għall-2030

Emenda

(7) Il-Faċilità jenħtieġ li tappoġġa l-investment u r-riformi li jippromwovu t-triq tal-benefiċjarji lejn it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà f'konformità mal-viżjoni tal-UE għall-2030

ippreżentata fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali”². Jenħtieġ li **tistinka biex tiffaċilita l-ilħuq tagħhom tal-oġġettivi ġenerali u tal-miri diġitali fir-rigward tal-Unjoni. Kif deskritt mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tal-15 ta’ Ġunju 2023³, is-sett ta’ għodod għaċ-ċibersigurtà tal-5G jenħtieġ li jkun ir-referenza għall-finanzjament tal-UE biex jiġu żgurati s-sigurtà, ir-reżiljenza u l-protezzjoni tal-integrità tal-infrastruttura diġitali fir-reġjun.**

² COM(2021)118 final.

³ “**Implimentazzjoni tas-Sett ta’ Għodod għaċ-ċibersigurtà tal-5G**”, COM(2023)4049 final.

ippreżentata fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali”². **Il-Faċilità** jenħtieġ li **tagħti prijorità lill-investimenti u lir-riformi mhux biss biex tavvanza t-trasformazzjoni diġitali iżda wkoll biex tiżgura li dawn l-isforzi jiġu stabbiliti fil-prinċipji tas-sigurtà, ir-reżiljenza, u l-integrità. Huwa essenzjali li l-investimenti kollha jallinjaw mal-oġġettivi tal-“Kumpass Diġitali tal-2030”, filwaqt li jrawmu ekonomija diġitali inklużiva li tkun ta’ benefiċċju għaċ-ċittadini kollha u taderixxi mal-ogħla standards taċ-ċibersigurtà, inkluża l-implimentazzjoni tas-sett ta’ għodod għaċ-ċibersigurtà tal-5G bħala element fundamentali tal-proġetti tal-infrastruttura diġitali.**

² COM(2021)118 final.

Or. en

Emenda 174 Sunčana Glavak

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità ma jissostitwix l-appoġġ bilaterali u reġjonali previst fir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li jenfasizza t-tnejjja tal-Benefiċjarji għas-sħubija mal-Unjoni, iżda jikkomplementah u jżid miegħu, filwaqt li juża l-mekkaniżmi u l-istrutturi diġà eżistenti kull meta jkun possibbli. L-approċċ jenħtieġ li **jibni fuq il-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir, b’mod partikolari l-Metodoloġija Riveduta tal-**

Emenda

(8) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità ma jissostitwix l-appoġġ bilaterali u reġjonali previst fir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li jenfasizza t-tnejjja tal-Benefiċjarji għas-sħubija mal-Unjoni, iżda jikkomplementah u jżid miegħu, filwaqt li juża l-mekkaniżmi u l-istrutturi diġà eżistenti kull meta jkun possibbli. **Dan l-approċċ jenħtieġ li jissottolinja l-importanza tar-riformi ekonomiċi, tat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi, l-**

2020⁵, u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment⁶ mill-istess sena.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj>).

⁵ *COM (2022) 57 final.*

⁶ *COM(2020) 641 final.*

istat tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġi żgurat perkors olistiku u sostenibbli lejn l-integrazzjoni tal-UE.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj>).

Or. en

Emenda 175 **Željana Zovko**

Proposta għal regolament **Premessa 8**

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità ***ma jissostitwix*** l-appoġġ bilaterali u reġjonali previst fir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li jenfasizza t-tnejjija tal-Benefiċjarji għas-*sħubija* mal-Unjoni, iżda jikkomplementah u jżid miegħu, filwaqt li juża l-mekkaniżmi u l-istrutturi diġà eżistenti kull meta jkun possibbli. L-approċċ jenħtieġ li jibni fuq il-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir, b'mod partikolari l-Metodoloġija Riveduta tal-2020⁵, u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment⁶ mill-istess sena.

Emenda

(8) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità ***jsaħħaħ*** l-appoġġ bilaterali u reġjonali ***eżistenti*** previst fir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li jenfasizza t-tnejjija tal-Benefiċjarji għas-*sħubija* mal-Unjoni, iżda jikkomplementah u jżid miegħu, filwaqt li juża l-mekkaniżmi u l-istrutturi diġà eżistenti kull meta jkun possibbli. ***L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) jibqa' l-mekkaniżmu finanzjarju ewlieni biex il-pajjiżi tal-adeżjoni jiġu megħjuna fl-integrazzjonijiet Ewropej tagħhom.*** L-approċċ jenħtieġ li jibni fuq il-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir, b'mod partikolari l-Metodoloġija Riveduta tal-2020⁵, u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment⁶ mill-istess sena.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj>).

⁵ COM (2022) 57 final.

⁶ COM(2020) 641 final.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj>).

⁵ COM (2022) 57 final.

⁶ COM(2020) 641 final.

Or. en

Emenda 176 **David McAllister**

Proposta għal regolament **Premessa 8**

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità ma jissostitwix l-appoġġ bilaterali u reġjonali previst fir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li jenfasizza t-tnejn tal-Benefiċjarji għas-sħubija mal-Unjoni, ***iżda jikkomplementah u jżid*** miegħu, filwaqt li ***juża*** l-mekkaniżmi u l-istrutturi diġà eżistenti kull meta jkun possibbli. L-approċċ jenħtieġ li jibni fuq il-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir, b'mod partikolari l-Metodoloġija Riveduta tal-2020⁵, u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment⁶ mill-istess sena.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI:

Emenda

(8) L-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità jenħtieġ li jsaħħaħ l-appoġġ bilaterali u reġjonali previst fir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li jenfasizza t-tnejn tal-Benefiċjarji għas-sħubija mal-Unjoni. ***L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) jibqa' l-veikolu finanzjarju ewlieni għal assistenza ta' qabel l-adeżjoni kondizzjonali bbażata fuq il-merti. Il-Faċilità għandha tikkomplementah u jżid*** miegħu, filwaqt li ***tuża*** l-mekkaniżmi u l-istrutturi diġà eżistenti kull meta jkun possibbli. L-approċċ jenħtieġ li jibni fuq il-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir, b'mod partikolari l-Metodoloġija Riveduta tal-2020⁵, u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment⁶ mill-istess sena.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI:

<http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj>).

⁵ COM (2022) 57 final.

⁶ COM(2020) 641 final.

<http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj>).

⁵ COM (2022) 57 final.

⁶ COM(2020) 641 final.

Or. en

Emenda 177

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità ma jissostitwix l-appoġġ bilaterali u reġjonali previst fir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li jenfasizza t-tħejjija tal-Benefiċjarji għas-sħubija mal-Unjoni, iżda jikkomplementah u jżid miegħu, filwaqt li juża l-mekkaniżmi u l-istrutturi diġà eżistenti kull meta jkun possibbli. L-approċċ jenħtieġ li jibni fuq il-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir, b'mod partikolari l-Metodoloġija Riveduta tal-2020⁵, u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment⁶ mill-istess sena.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj>).

⁵ COM (2022) 57 final.

⁶ COM(2020) 641 final.

Emenda

(8) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità ma jissostitwix l-appoġġ bilaterali u reġjonali previst fir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li jenfasizza t-tħejjija tal-Benefiċjarji għas-sħubija mal-Unjoni, iżda jikkomplementah u jżid miegħu, filwaqt li juża l-mekkaniżmi u l-istrutturi diġà eżistenti kull meta jkun possibbli **u jimmassimizza s-sinerġiji**. L-approċċ jenħtieġ li jibni fuq il-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir, b'mod partikolari l-Metodoloġija Riveduta tal-2020⁵, u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment⁶ mill-istess sena.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj>).

⁵ COM (2022) 57 final.

⁶ COM(2020) 641 final.

Or. en

Emenda 178
Andrey Kovatchev

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità ma jissostitwix l-appoġġ bilaterali u reġjonali previst fir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li jenfasizza t-tnejjija tal-Benefiċjarji għas-sħubija mal-Unjoni, iżda jikkomplementah u jżid miegħu, filwaqt li juża l-mekkaniżmi u l-istrutturi diġà eżistenti kull meta jkun possibbli. L-approċċ jenħtieġ li jibni fuq il-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir, b'mod partikolari l-Metodoloġija Riveduta tal-2020⁵, u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment⁶ mill-istess sena.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jstabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj>).

⁵ COM (2022) 57 final.

⁶ COM(2020) 641 final.

Emenda

(8) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità ma jissostitwix l-appoġġ bilaterali u reġjonali previst fir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li jenfasizza t-tnejjija tal-Benefiċjarji għas-sħubija mal-Unjoni, iżda jikkomplementah u jżid miegħu, filwaqt li juża l-mekkaniżmi u l-istrutturi diġà eżistenti kull meta jkun possibbli. L-approċċ jenħtieġ li jibni fuq il-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir, b'mod partikolari l-Metodoloġija Riveduta tal-2020⁵, u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment⁶ mill-istess sena. ***F'dan ir-rigward, dan jenħtieġ li jaċċellera l-integrazzjoni ekonomika reġjonali, l-integrazzjoni progressiva fis-suq uniku tal-Unjoni, il-konverġenza soċjoekonomika tal-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent u jrawwem il-kooperazzjoni reġjonali, relazzjonijiet tajba mal-ġirien, ir-rikonċiljazzjoni u s-soluzzjoni għat-tilwim fil-Balkani tal-Punent.***

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jstabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj>).

⁵ COM (2022) 57 final.

⁶ COM(2020) 641 final.

Or. en

Emenda 179
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità jenħtieġ li jiġi pprovdut biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi, abbażi ta' kriterji stabbiliti u b'kundizzjonijiet ċari ta' pagament. L-oġġettivi ġenerali tal-Faċilità jenħtieġ li jkunu li titħaffef l-integrazzjoni ekonomika reġjonali, l-integrazzjoni progressiva mas-suq uniku tal-Unjoni, il-konverġenza soċjoekonomika tal-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent u l-allinjament mad-drittijiet, ir-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-Unjoni bil-ħsieb tas-sħubija mal-Unjoni. Il-Faċilità jenħtieġ li tgħin ukoll biex jiġu aċċellerati r-riformi relatati mal-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir, inklużi l-istat tad-dritt, l-akkwist pubbliku u l-kontroll tal-ġhajjnuna mill-Istat, **il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni**. Dawn l-oġġettivi jenħtieġ li jiġu segwiti b'mod li jsaħħu lil xulxin.

Emenda

(9) L-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità jenħtieġ li jiġi pprovdut biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi, **stabbiliti fil-forma ta' stadji importanti u miri**, abbażi ta' kriterji **u perjodi ta' żmien** stabbiliti u b'kundizzjonijiet ċari ta' pagament **u kondizzjonalitajiet**. L-oġġettivi ġenerali tal-Faċilità jenħtieġ li jkunu li titħaffef l-integrazzjoni ekonomika reġjonali **u l-koeżjoni soċjali u territorjali, id-dekarbonizzazzjoni**, l-integrazzjoni progressiva mas-suq uniku tal-Unjoni, il-konverġenza soċjoekonomika tal-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent u l-allinjament mad-drittijiet, ir-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-Unjoni bil-ħsieb tas-sħubija mal-Unjoni. Il-Faċilità jenħtieġ li **b'mod partikolari taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika tar-reġjun lejn innewtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Patt Ekoloġiku, il-miżuri tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, kif ukoll il-protezzjoni ambjentali u tal-bijodiversità. Il-Faċilità jenħtieġ li** tgħin ukoll biex jiġu aċċellerati r-riformi relatati mal-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir, inklużi **l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarrantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom. B'mod partikolari, il-Faċilità jenħtieġ li tippromwovi wkoll riformi fl-oqsma tal-indipendenza tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra t-tipi kollha ta' korruzzjoni u l-istrutturi oligarki, kif ukoll kwalunkwe tip ta' nepotiżmu jew favoritiżmu, ħasil tal-flus, evitar tat-taxxa, evażjoni tat-taxxa, frodi tat-taxxa u kriminalità organizzata**, l-istat tad-dritt, l-akkwist pubbliku u l-kontroll tal-ġhajjnuna mill-Istat **u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Il-Faċilità jenħtieġ li**

tiżgura l-parteciċipazzjoni sinifikattiva tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll tas-soċjetà ċivili u tal-esperti, fit-tfassil tar-riformi u l-iskrutinju u l-implimentazzjonijiet tagħhom. Il-Faċilità jenħtieġ li tiżgura l-implimentazzjoni mgħaġġla tal-Att Ewropew dwar l-Interoperabbiltà biex tħaffef l-iskambju tal-informazzjoni bejn is-settur pubbliku fl-UE u l-firxa ta' trasformazzjoni diġitali effiċjenti ta' dan is-settur. Dawn l-oġġettivi jenħtieġ li jiġu segwiti b'mod li jsaħħu lil xulxin.

Or. en

Emenda 180 Željana Zovko

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Faċilità għandha tinċentiva l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju billi tpoġġi kundizzjonijiet ta' pagament fuq ir-rilaxx tal-fondi. Dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandhom japplikaw għal fondi skont l-Artikolu 6(2) il-punt (a) u l-Artikolu 6(3) u għandhom jieħdu l-forma ta' passi kwalitattivi jew kwantitattivi ***li jistgħu jitkejlu f'konformità mal-punti referenzjarji milħuqa u l-miri konkreti.*** Tali passi għandhom jirriflettu l-progress fuq riformi soċjoekonomiċi speċifiċi, inkluż fuq il-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir u tal-istat tad-dritt, marbuta mal-ilħuq tal-oġġettivi differenti tal-Faċilità, stabbiliti fl-Artikolu 3, konsistenti mal-aħħar Pakkett tat-Tkabbir.

Or. en

Emenda 460
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Faċilità għandha tinċentiva l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju billi tpoġġi kundizzjonijiet ta' pagament fuq ir-rilaxx tal-fondi. Dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandhom japplikaw għal fondi skont l-Artikolu 6(2) il-punt (a) u l-Artikolu 6(3) u għandhom jieħdu l-forma ta' passi kwalitattivi jew kwantitattivi. Tali passi għandhom jirriflettu l-progress fuq riformi soċjoekonomiċi speċifiċi, inkluż fuq il-prinċipji fundamentali tal-proċess

Emenda

Il-Faċilità għandha tinċentiva l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju billi tpoġġi kundizzjonijiet ta' pagament fuq ir-rilaxx tal-fondi. Dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandhom japplikaw għal fondi skont l-Artikolu 6(2) il-punt (a) u l-Artikolu 6(3) u għandhom jieħdu l-forma ta' passi kwalitattivi jew kwantitattivi ***li jistgħu jitkejlu u għandhom ikunu marbuta mil-ilħuq ta' stadji importanti u miri konkreti.*** Tali passi għandhom

tat-tkabbir u tal-istat tad-dritt, marbuta mal-ilħuq tal-oġġettivi differenti tal-Faċilità, stabbiliti fl-Artikolu 3, konsistenti mal-aħħar Pakkett tat-Tkabbir.

jirriflettu l-progress fuq riformi soċjoekonomiċi speċifiċi, inkluż fuq il-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir u tal-istat tad-dritt, marbuta mal-ilħuq tal-oġġettivi differenti tal-Faċilità, stabbiliti fl-Artikolu 3, konsistenti mal-aħħar Pakkett tat-Tkabbir.

Or. en

Emenda 461

Fabienne Keller, Javier Nart, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Michael Kauch

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Faċilità għandha tinċentiva l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju billi tpoġġi kundizzjonijiet ta' pagament fuq ir-rilaxx tal-fondi. Dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandhom japplikaw għal fondi skont l-Artikolu 6(2) il-punt (a) u l-Artikolu 6(3) u għandhom jieħdu l-forma ta' passi kwalitattivi jew kwantitattivi. Tali passi għandhom jirriflettu l-progress fuq riformi soċjoekonomiċi speċifiċi, inkluż fuq il-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir **u** tal-istat tad-dritt, marbuta mal-ilħuq tal-oġġettivi differenti tal-Faċilità, stabbiliti fl-Artikolu 3, konsistenti mal-aħħar Pakkett tat-Tkabbir.

Emenda

Il-Faċilità għandha tinċentiva l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju billi tpoġġi kundizzjonijiet ta' pagament fuq ir-rilaxx tal-fondi. Dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandhom japplikaw għal fondi skont l-Artikolu 6(2) il-punt (a) u l-Artikolu 6(3) u għandhom jieħdu l-forma ta' passi kwalitattivi jew kwantitattivi. Tali passi għandhom jirriflettu l-progress fuq riformi soċjoekonomiċi speċifiċi, inkluż fuq il-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir, **tal-valuri tal-UE**, tal-istat tad-dritt, **tad-drittijiet tal-ġustizzja u fundamentali**, marbuta mal-ilħuq tal-oġġettivi differenti tal-Faċilità, stabbiliti fl-Artikolu 3, konsistenti mal-aħħar Pakkett tat-Tkabbir.

Or. en

Emenda 462

Eric Minardi, Joachim Kuhs

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Faċilità għandha tincensiva l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju billi tpoġġi kundizzjonijiet ta' pagament fuq ir-rilaxx tal-fondi. Dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandhom japplikaw għal fondi skont l-Artikolu 6(2) il-punt (a) u l-Artikolu 6(3) u għandhom jieħdu l-forma ta' passi kwalitattivi jew kwantitattivi. Tali passi għandhom jirriflettu l-progress fuq riformi soċjoekonomiċi speċifiċi, inkluż fuq il-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir u tal-istat tad-dritt, marbuta mal-ilħuq tal-oġġettivi differenti tal-Faċilità, stabbiliti fl-Artikolu 3, ***konsistenti mal-aħħar Pakkett tat-Tkabbir.***

Emenda

Il-Faċilità għandha tincensiva l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju billi tpoġġi kundizzjonijiet ta' pagament fuq ir-rilaxx tal-fondi. Dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandhom japplikaw għal fondi skont l-Artikolu 6(2) il-punt (a) u l-Artikolu 6(3) u għandhom jieħdu l-forma ta' passi kwalitattivi jew kwantitattivi. Tali passi għandhom jirriflettu l-progress fuq riformi soċjoekonomiċi speċifiċi, inkluż fuq il-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir u tal-istat tad-dritt, marbuta mal-ilħuq tal-oġġettivi differenti tal-Faċilità, stabbiliti fl-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 463

Fabienne Keller, Javier Nart, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Michael Kauch, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-fondi fl-ambitu tal-Faċilità mhux se jappoġġaw l-attivitajiet jew il-miżuri li jistgħu jikkompromettu s-sovranià, l-unità u l-integrità territorjali tal-Bożnija-Herzegovina.

Or. en

Emenda 464

Fabienne Keller, Javier Nart, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Michael Kauch

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) miżuri li jikkostitwixxu rispons koerenti, komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, inklużi r-riformi strutturali, l-investimenti, u miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-prekundizzjonijiet jekk ikun xieraq;

(a) miżuri li jikkostitwixxu rispons koerenti, komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, inklużi r-riformi strutturali, l-investimenti, ***il-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata*** u miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-prekundizzjonijiet jekk ikun xieraq;

Or. en

Emenda 465
Vangelis Meimarakis

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) miżuri li jikkostitwixxu rispons koerenti, komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, ***inklużi r-riformi strutturali, l-investimenti, u miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-prekundizzjonijiet jekk ikun xieraq;***

Emenda

(a) ***L-Aġenda ta' Riforma għandha b'mod partikolari tistabilixxi l-elementi li ġejjin, li għandhom ikunu motivati u sostanzjati: a)*** miżuri li jikkostitwixxu rispons koerenti, komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3

Or. en

Emenda 466
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) miżuri li jikkostitwixxu rispons koerenti, komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, ***inklużi r-riformi strutturali, l-investimenti,*** u miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-prekundizzjonijiet jekk ikun xieraq;

Emenda

(a) miżuri li jikkostitwixxu rispons koerenti, komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ***fil-forma ta' stadji importanti u miri*** u miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-prekundizzjonijiet jekk ikun xieraq;

Emenda 467

José Manuel Fernandes, Carlos Coelho

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) (aa) miżuri relatati mal-kapitolu 32 tan-negozjati, b'mod partikolari dwar il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-kontroll intern, kif ukoll dwar il-ġlieda kontra l-frodi, flimkien mal-kapitolu 23 u 24, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġustizzja, il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u l-Kapitolu 8, b'mod partikolari dwar il-kontroll tal-ġhajnuna mill-Istat.

Or. en

Emenda 468

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) spjegazzjoni ta' kif il-miżuri huma konsistenti mal-prinċipji, l-istrateġiji, il-pjanijiet u l-programmi msemmija fl-Artikolu 11;

(b) spjegazzjoni ta' kif il-miżuri huma konsistenti mal-prinċipji **ġenerali msemmija fl-Artikolu 4, kif ukoll ir-rekwiżiti**, l-istrateġiji, il-pjanijiet u l-programmi msemmija fl-Artikolu 11;

Or. en

Emenda 469

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) spjegazzjoni tal-punt sa fejn il-miżuri huma mistennija jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi **u** ambjentali;

Emenda

(c) spjegazzjoni tal-punt sa fejn il-miżuri huma mistennija jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi, ***tal-bijodiversità u ambjentali kif ukoll objettivi ta' standards ogħla għat-trattament xieraq tal-annimali tal-Benefiċjarji, kif dawn il-miżuri qed jaderixxu mal-acquis tal-UE dwar il-klima u kif il-miżuri għandhom jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-mira ġenerali li jiġi żgurat li mill-inqas 50 % tal-pakkett finanzjarju għandu jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnhom, kif ukoll spjegazzjoni ta' kif l-Aġendi ta' Riforma jiżguraw li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti inklużi fl-Aġendi ta' Riforma ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti")***, kif ukoll kif il-miżuri jikkontribwixxu għall-objettivi ta' konverġenza soċjali inklużiva;

Or. en

Emenda 470
Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) spjegazzjoni tal-punt sa fejn il-miżuri huma mistennija ***jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi u ambjentali***;

Emenda

(c) spjegazzjoni tal-punt sa fejn il-miżuri huma mistennija ***jiżguraw progress tanġibbli lejn l-istandards soċjali u ekonomiċi tal-UE, inaqqsu l-inugwaljanzi u jsaħħu l-koeżjoni soċjali***;

Or. en

Emenda 471

Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou
f' isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) spjegazzjoni tal-punt sa fejn il-miżuri huma mistennija jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi u ambjentali;

Emenda

(c) spjegazzjoni tal-punt sa fejn il-miżuri huma mistennija jikkontribwixxu għall-objettivi **soċjali**, klimatiċi u ambjentali;

Or. en

Emenda 472

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) spjegazzjoni ta' kif il-Benefiċjarji qagħdu attenti kemm jista' jkun biex jevitaw, jirrapportaw u jiġġieldu kwalunkwe prattika ta' korruzzjoni, favoritiżmu jew konċentrazzjoni reġjonali jew settorjali mhux xierqa ta' allokazżjoni tar-riżorsi, kif ukoll spjegazzjoni ta' liema miżuri ħadu l-Benefiċjarji biex jiġġieldu kontra l-frodi, kwalunkwe tip ta' korruzzjoni, inklużi l-korruzzjoni f'livell għoli, kwalunkwe tip ta' nepotiżmu u favoritiżmu u l-kunflitti ta' interess, il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa u biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt internazzjonali;

Or. en

Emenda 473

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) spjegazzjoni tal-miżuri meħuda mill-Benefiċjarji biex isaħħu l-libertà tal-media u l-libertà akkademika u jiżguraw ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 474

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) spjegazzjoni ta' kif il-miżuri fl-ambitu tal-Aġendi ta' Riforma jiżguraw protezzjoni effettiva tal-informaturi;

Or. en

Emenda 475

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) għar-riformi u l-investimenti, skeda ta' żmien indikattiva, u l-kundizzjonijiet previsti ta' pagament għar-rilaxx ta' fondi fil-forma ta' passi kwalitattivi u kwantitattivi li għandhom jiġu implimentati sa mhux aktar tard mill-31 ta'

(d) għar-riformi u l-investimenti, skeda ta' żmien indikattiva, u l-kundizzjonijiet previsti ta' pagament għar-rilaxx ta' fondi fil-forma ta' passi kwalitattivi u kwantitattivi **li jistgħu jitkejlu fil-forma ta' stadji importanti u miri konkreti** li

Awwissu 2027;

għandhom jiġu implimentati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2027;

Or. en

Emenda 476

Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) spjegazzjoni tas-sistema tal-Benefiċjarju biex effettivament jipprevjeni, jidentifika u jikkoreġi l-irregolaritajiet, il-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess u biex jinforza r-regoli dwar il-kontroll tal-ġhajnuna mill-Istat;

Emenda

(f) spjegazzjoni tas-sistema ***u tal-miżuri ppjanati*** tal-Benefiċjarju biex effettivament jipprevjeni, jidentifika u jikkoreġi l-irregolaritajiet, il-frodi, il-korruzzjoni, ***il-korruzzjoni f'livell għoli*** u l-kunflitti ta' interess u biex jinforza r-regoli dwar il-kontroll tal-ġhajnuna mill-Istat, ***u l-miżuri proposti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma;***

Or. en

Emenda 477

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) spjegazzjoni tas-sistema tal-Benefiċjarju biex effettivament jipprevjeni, jidentifika u jikkoreġi l-irregolaritajiet, il-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess u biex jinforza r-regoli dwar il-kontroll tal-ġhajnuna mill-Istat;

Emenda

(f) spjegazzjoni tas-sistema tal-Benefiċjarju biex effettivament jipprevjeni, jidentifika u jikkoreġi l-irregolaritajiet, il-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess u biex jinforza r-regoli dwar il-kontroll tal-ġhajnuna ***u jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE billi japplika standards komparabbli kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;***

Emenda 478
Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) spjegazzjoni tal-punt sa fejn il-miżuri huma mistennija jikkontribwixxu għal: - it-tranżizzjoni tal-Benefiċjarji lejn ekonomiji sostenibbli, newtrali għall-klima u reżiljenti għall-klima u inklużivi billi jtejbu l-konnettività reġjonali, jagħmlu progress fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika diġitali, inkluża l-bijodiversità, u jagħtu spinta lill-innovazzjoni, lill-edukazzjoni u lill-ħiliet u lis-suq tax-xogħol usa’; - l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, inklużi l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet f’konformità mal-Pjanijiet ta’ Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru u l-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill u l-konvenzjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 479
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) spjegazzjoni ta’ kif l-Aġendi ta’ Riforma jiżguraw li l-miżuri se jippromwovu t-trasformazzjoni diġitali bħala faċilitatur għall-iżvilupp sostenibbli inklużiv u jagħtu spinta lill-innovazzjoni, b’mod partikolari għall-SMEs u għan-

negozji ġodda u b'appoġġ tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u kif dan se jagħti spinta lill-edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, it-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, u l-politiki tal-impjegi kif ukoll il-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza u l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli;

Or. en

Emenda 480

Katalin Cseh, Fabienne Keller, Olivier Chastel

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont permezz ta' aċċess pubbliku faċli għall-informazzjoni relatata mad-distribuzzjoni tal-fondi tal-Faċilità.

Or. en

Emenda 481

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) spjegazzjoni ta' kif il-miżuri fl-ambitu tal-Aġendi ta' Riforma huma mistennija jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ ġenerali tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, in-nondiskriminazzjoni u t-tolleranza, biex jiġi żgurat u msaħħaħ ir-rispett għad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi inklużi l-komunità Rom, il-persuni LGBTQI+ u gruppi vulnerabbli

differenti;

Or. en

Emenda 482
Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) spjegazzjoni ta' kif il-miżuri huma kompatibbli mal-prinċipji ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ta' "ħadd ma jūthalla jibqa' lura";

Or. en

Emenda 483
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fc) Spjegazzjoni ta' kif il-miżuri fl-ambitu tal-Aġendi ta' Riforma jsaħħu lill-istituzzjonijiet demokratiċi inklużi l-korpi rappreżentattivi reġjonali u muniċipali, u s-setgħat tagħhom ta' sorveljanza u inkjesta rigward id-distribuzzjoni tal-fondi pubbliċi u l-aċċess għalihom, l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u l-appoġġ tat-trasparenza, ir-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha, inkluż fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja pubblika u l-akkwist pubbliku u l-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat;

Or. en

Emenda 484

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt fd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fd) spjegazzjoni ta' kif il-Benefiċjarji jappoġġaw l-inizjattivi u l-korpi involuti fl-appoġġ u t-tisħiħ tal-ġustizzja internazzjonali fil-Benefiċjarji tal-Balkani tal-Punent kif ukoll kif dawn jaħdmu favur relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u rikonċiljazzjoni sostenibbli biex jingħelbu l-legati tal-passat, inkluż iżda mhux limitat għall-iżguraw tal-aċċess għall-verità u għall-ġustizzja, kif ukoll reparazzjonijiet effettivi għall-vittmi ta' delitti ta' gwerra u d-delitti kontra l-umanità u l-ġenoċidju;

Or. en

Emenda 485

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt fe (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fe) spjegazzjoni ta' kif il-miżuri fl-ambitu tal-Aġendi ta' Riforma jappoġġaw id-deċentralizzazzjoni politika u amministrattiva u l-iżvilupp lokali, b'mod speċjali billi jiżguraw konsultazzjoni sinifikattiva u parteċipazzjoni sinifikattiva tal-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u esperti fil-proċessi leġiżlattivi u tat-teħid tad-deċiżjonijiet filwaqt li jiġu żgurati r-responsabbiltà demokratika u l-iskrutinju pubbliku; it-titjib tal-interoperabbiltà bejn is-settur pubbliku u t-tħaffif tat-trasformazzjoni diġitali;

Emenda 486

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Aġendi ta' Riforma għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati u jinkludu indikaturi għall-valutazzjoni tal-progress lejn l-ilħuq tal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fihom. Dawn l-indikaturi għandhom ikunu bbażati, meta jkun xieraq u rilevanti, fuq indikaturi miftiehma fil-livell internazzjonali u dawk li diġà huma disponibbli relatati mal-politiki tal-Benefiċjarji. L-indikaturi għandhom ikunu wkoll koerenti sa fejn ikun possibbli, mal-indikaturi korporattivi ewlenin inklużi fil-Qafas tar-Riżultati tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), fil-Qafas ta' Kejl tar-Riżultati tal-EFSD+ u fid-WBIF.

Emenda

2. L-Aġendi ta' Riforma għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati u jinkludu indikaturi għall-valutazzjoni tal-progress lejn l-ilħuq tal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fihom. Dawn l-indikaturi għandhom ikunu bbażati, meta jkun xieraq u rilevanti, fuq indikaturi miftiehma fil-livell internazzjonali u dawk li diġà huma disponibbli relatati mal-politiki tal-Benefiċjarji. L-indikaturi għandhom ikunu wkoll koerenti sa fejn ikun possibbli, mal-indikaturi korporattivi ewlenin inklużi fil-Qafas tar-Riżultati tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), fil-Qafas ta' Kejl tar-Riżultati tal-EFSD+ u fid-WBIF ***u għandhom jinkludu wkoll indikaturi dwar il-konsultazzjoni u t-trasparenza.***

Emenda 487

Angel Dzhambazki

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, il-komprensività u l-adegwatezza tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju jew, fejn applikabbli, kwalunkwe emenda għal dik l-Aġenda, mingħajr dewmien żejjed. Meta twettaq il-

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, il-komprensività u l-adegwatezza tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju jew, fejn applikabbli, kwalunkwe emenda għal dik l-Aġenda, mingħajr dewmien żejjed. Meta twettaq il-

valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Benefiċjarju kkonċernat, u tista' tagħmel osservazzjonijiet **jew** tfittex informazzjoni addizzjonali.

valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Benefiċjarju kkonċernat, u tista' tagħmel osservazzjonijiet, tfittex informazzjoni addizzjonali **jew tirrikjedi lill-Benefiċjarju jirrieżamina u jimmodifika dik l-Aġenda.**

Or. en

Emenda 488

Fabienne Keller, Javier Nart, Olivier Chastel

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, il-komprensività u l-adeqwatezza tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju jew, fejn applikabbli, kwalunkwe emenda għal dik l-Aġenda, mingħajr dewmien żejjed. Meta twettaq il-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Benefiċjarju kkonċernat, u tista' tagħmel osservazzjonijiet jew tfittex informazzjoni addizzjonali.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, il-komprensività u l-adeqwatezza tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju jew, fejn applikabbli, kwalunkwe emenda għal dik l-Aġenda, mingħajr dewmien żejjed. Meta twettaq il-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Benefiċjarju kkonċernat, u tista' tagħmel osservazzjonijiet, **tirrikjedi li tirrieżamina u/jew timmodifika** jew tfittex informazzjoni addizzjonali.

Or. en

Emenda 489

Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, il-komprensività u l-adeqwatezza tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju jew, fejn applikabbli, kwalunkwe emenda għal dik l-Aġenda,

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, il-komprensività u l-adeqwatezza tal-Aġenda ta' Riforma ta' kull Benefiċjarju jew, fejn applikabbli, kwalunkwe emenda għal dik l-Aġenda,

mingħajr dewmien żejjed. Meta twettaq il-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Benefiċjarju kkonċernat, u tista' tagħmel osservazzjonijiet **jew** tfittex informazzjoni addizzjonali.

mingħajr dewmien żejjed. Meta twettaq il-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Benefiċjarju kkonċernat, u tista' tagħmel osservazzjonijiet, tfittex informazzjoni addizzjonali **jew *titlob modifiki***.

Or. en

Emenda 490

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jekk l-Aġenda ta' Riforma tirrappreżentax rispons rilevanti, komprensiv, koerenti u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3;

Emenda

(a) jekk l-Aġenda ta' Riforma tirrappreżentax rispons rilevanti, komprensiv, koerenti u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, ***kif ukoll il-prinċipji ġenerali msemmija fl-Artikolu 4***;

Or. en

Emenda 491

Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jekk l-Aġenda ta' Riforma tistax tkun mistennija taċċellera l-progress lejn it-tnaqqis tad-distakk soċjoekonomiku bejn il-Benefiċjarju u l-Unjoni, u b'hekk ittejjeb l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħhom **u** tappoġġa l-konverġenza lejn l-istandards tal-Unjoni;

Emenda

(b) jekk l-Aġenda ta' Riforma tistax tkun mistennija taċċellera l-progress lejn it-tnaqqis tad-distakk soċjoekonomiku bejn il-Benefiċjarju u l-Unjoni, u b'hekk ittejjeb l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħhom, tappoġġa l-konverġenza lejn l-istandards tal-Unjoni ***u tnaqqas l-inugwaljanzi u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali***;

Emenda 492

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jekk l-arranġamenti proposti mill-Benefiċjarji humiex se jkunu biżżejjed biex tiġi evitata, irrapportata u miġġielda kwalunkwe prattika ta' korruzzjoni, favoritiżmu jew konċentrazzjoni reġjonali jew settorjali indebita tal-allokkazzjoni tar-riżorsi;

Or. en

Emenda 493

Fabienne Keller, Javier Nart, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Michael Kauch

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) jekk l-Aġenda ta' Riforma tistax tkun mistennija taċċellera t-tranżizzjoni tal-Benefiċjarji lejn ekonomiji sostenibbli, newtrali għall-klima u reżiljenti għall-klima u inklużivi billi ttejjeb il-konnettività reġjonali, tagħmel progress fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika diġitali, inkluża l-bijodiversità, u tagħti spinta lill-innovazzjoni, lill-edukazzjoni u lill-ħiliet u lis-suq tax-xogħol usa';

(c) jekk l-Aġenda ta' Riforma tistax tkun mistennija taċċellera t-tranżizzjoni tal-Benefiċjarji lejn ekonomiji sostenibbli, newtrali għall-klima u reżiljenti għall-klima u inklużivi billi ttejjeb il-konnettività reġjonali, tagħmel progress fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika diġitali, inkluża l-bijodiversità, *tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi*** u tagħti spinta ***lir-riċerka u*** lill-innovazzjoni, lill-edukazzjoni u lill-ħiliet u lis-suq tax-xogħol usa', ***b'attenzjoni partikolari fuq iż-żgħażaġh***;**

Or. en

Emenda 494
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) jekk ir-riformi u l-investimenti fl-Aġenda ta' Riformi humiex mistennija li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-mira ġenerali li tiġi żgurata l-kontribuzzjoni ta' mill-inqas 50 % tal-pakkett finanzjarju għall-klima u għall-ambjent ikkalkolat f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament 2021/241 li Jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u b'hekk għat-tranżizzjoni ekoloġika jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minn dan, kif ukoll kif l-Aġendi ta' Riforma jiżguraw li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti inklużi ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 (il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti") u ma tiffinanzjax assi mhux rekuperabbli; kif ukoll jekk ir-riformi u l-investimenti fl-Aġenda ta' Riforma jistgħux ikunu mistennija li jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' objettivi ta' konverġenza soċjali inklużiva;

Or. en

Emenda 495
Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) jekk l-Aġenda ta' Riforma hijiex mistennija li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-

nisa u l-bniet, u tfittix li tipproteġi u tippromwovi d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet f'konformità mal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru u l-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill u tal-konvenzjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 496

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) jekk l-arranġamenti ħadux qagħdux attenti kemm jista' jkun biex jevitaw, jirrapportaw u jiġġieldu kwalunkwe prattika ta' korruzzjoni, favoritiżmu jew konċentrazzjoni reġjonali jew settorjali mhux xierqa ta' allokazzjoni tar-riżorsi, kif ukoll jekk l-Aġenda ta' Riforma ssaħħaħx il-ġlieda kontra l-frodi, kwalunkwe tip ta' korruzzjoni inkluż l-korruzzjoni f'livell għoli, kwalunkwe tip ta' nepotiżmu u favoritiżmu u kunflitti ta' interess, kriminalità organizzata u ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, evażjoni tat-taxxa, evitar tat-taxxa u frodi tat-taxxa u tiżgurax konformità mad-dritt internazzjonali;

Or. en

Emenda 497

Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) jekk il-miżuri inklużi fl-Aġenda ta'

Riforma humiex kompatibbli mal-prinċipji ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u ta' "ħadd ma jitħalla jibqa' lura"

Or. en

Emenda 498
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) jekk l-Aġenda ta' Riforma tistax tkun mistennija li tikseb b'mod suffiċjenti t-tisħiħ tal-libertà tal-media u tal-libertà akkademika u li tiżgura ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 499
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cd) jekk l-Aġendi ta' Riforma jiżgurawx li l-miżuri tagħha se jippromwovu t-trasformazzjoni diġitali bħala faċilitatur għall-iżvilupp sostenibbli u għall-iżvilupp inklużiv u jagħtu spinta lill-innovazzjoni, b'mod partikolari għall-SMEs u għan-negozji ġodda u b'appoġġ tat-tranżazzjoni ekoloġika u diġitali u kif din se tagħti spinta lill-edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, lit-taħriġ, lit-taħriġ mill-ġdid u lit-titjib tal-ħiliet, u l-politiki tal-impjegi u tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-koeżjoni soċjali, tal-

ugwaljanza u tal-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli;

Or. en

Emenda 500

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt ce (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ce) jekk il-miżuri fl-ambitu tal-Aġendi ta' Riforma humiex mistennija jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ ġenerali tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, in-nondiskriminazzjoni u t-tolleranza, biex jiżguraw u jsaħħu r-rispett għad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi inklużi l-komunità Rom u l-persuni LGBTQI+;

Or. en

Emenda 501

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) jekk l-arranġamenti proposti mill-Benefiċjarju humiex mistennija jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu b'mod effettiv irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, meta jużaw il-fondi pprovduti fl-ambitu tal-Faċilità, u jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħrajn tal-Unjoni kif ukoll minn donaturi oħrajn mill-Faċilità u

(g) jekk l-arranġamenti proposti mill-Benefiċjarju humiex mistennija jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu b'mod effettiv irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess **u jiksibu livell adegwat ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE billi japplikaw tal-inqas standards komparabbli kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046**, meta jużaw il-fondi pprovduti fl-ambitu

minn programmi oħrajn tal-Unjoni kif ukoll minn donaturi oħrajn.

tal-Faċilità, u jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħrajn tal-Unjoni kif ukoll minn donaturi oħrajn mill-Faċilità u minn programmi oħrajn tal-Unjoni kif ukoll minn donaturi oħrajn.

Or. en

Emenda 502

Francisco Guerreiro, Viola von Cramon-Taubadel
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) jekk il-miżuri fl-ambitu tal-Aġendi ta' Riforma jsaħħux lill-istituzzjonijiet demokratiċi inklużi l-korpi rappreżentattivi reġjonali u municiċipali, u s-setgħat tagħhom ta' sorveljanza u inkjesta rigward id-distribuzzjoni tal-fondi pubbliċi u l-aċċess għalihom, l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u l-appoġġ tat-trasparenza, ir-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha, inkluż fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja pubblika u l-akkwist pubbliku u l-kontroll tal-għajnuna mill-Istat;

Or. en

Emenda 503

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(gb) jekk l-Aġendi ta' Riforma jappoġġawx l-inizjattivi u l-korpi involuti fl-appoġġ u fl-infurzar tal-ġustizzja

internazzjonali fil-Benefiċjarji tal-Balkani tal-Punent kif ukoll il-ħidma favur relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u rikonċiljazzjoni sostenibbli biex jingħelbu l-legati tal-passat, inkluż iżda mhux limitat għall-iżguraw tal-aċċess għall-verità u għall-ġustizzja, kif ukoll reparazzjonijiet effettivi għall-vittmi tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità u l-ġenoċidju;

Or. en

Emenda 504

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt gc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(gc) jekk l-Aġendi ta' Riforma jappoġġawx id-deċentralizzazzjoni politika u amministrattiva u l-iżvilupp lokali, speċjalment billi jiżguraw konsultazzjoni sinifikattiva u parteċipazzjoni sinifikattiva tal-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-esperti fil-proċessi leġiżlattivi u tat-teħid tad-deċiżjonijiet billi jiżguraw responsabbiltà demokratika u skrutinju pubbliku;

Or. en

Emenda 505

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt gd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(gd) jekk il-miżuri tal-Aġendi ta'

Emenda 506

José Manuel Fernandes, Carlos Coelho

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. 4a. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Benefiċjarju jirrieżamina u/jew jimmodifika l-Aġendi ta' Riforma biex jindirizza r-riskji potenzjali meta l-eżiti tal-valutazzjoni tiegħu jiżvelaw li xi kriterji jew il-kriterji kollha kif elenkati fl-Artikolu 14(3) ma ġewx issodisfati. Tali reviżjoni tkun allinjata mal-proċess tal-approvazzjoni għall-programmi transfruntiera li fihom jipparteċipaw il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Emenda 507

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni

Att delegat tal-Kummissjoni

Emenda 508

Emmanuel Maurel

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva, **il-Kummissjoni għandha tapprova** permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni l-Aġenda ta' Riforma ppreżentata mill-Benefiċjarju, f'konformità mal-Artikolu 14 jew, fejn applikabbli, tal-emenda tagħha ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 16. Dik id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 27(2).

Emenda

1. Fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva, **il-Kunsill għandu japprova** permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni l-Aġenda ta' Riforma ppreżentata mill-Benefiċjarju, f'konformità mal-Artikolu 14 jew, fejn applikabbli, tal-emenda tagħha ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 16. Dik id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 27(2).

Or. fr

Emenda 509

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva, il-Kummissjoni għandha tapprova permezz ta' **deċiżjoni ta' implimentazzjoni** l-Aġenda ta' Riforma ppreżentata mill-Benefiċjarju, f'konformità mal-Artikolu 14 jew, fejn applikabbli, tal-emenda tagħha ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 16. Dik id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 27(2).

Emenda

1. Fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva, il-Kummissjoni għandha tapprova permezz ta' **att delegat** l-Aġenda ta' Riforma ppreżentata mill-Benefiċjarju, f'konformità mal-Artikolu 14 jew, fejn applikabbli, tal-emenda tagħha ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 16. Dik id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 27(2).

Or. en

Emenda 510

Sunčana Glavak

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni ***għandha tistabbilixxi r-riformi*** li għandhom jiġu implimentati mill-Benefiċjarju, l-oqsma ta' investiment li ***għandhom*** jiġu appoġġati u ***l-kundizzjonijiet ta' pagament li jirriżultaw mill-Aġenda ta' Riforma, inkluża l-iskeda ta' żmien indikattiva.***

Emenda

2. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni ***se tiddekrivi b'mod preċiż ir-riformi neċessarji*** li għandhom jiġu implimentati mill-Benefiċjarju, ***se tidentifika*** l-oqsma ta' investiment ***speċifiċi*** li ***se*** jiġu appoġġati, u ***se tiddekrivi fid-dettall il-kundizzjonijiet li bihom se jsiru l-pagamenti. Din id-Deċiżjoni se sservi bħala strument kritiku biex tiggwida l-azzjonijiet tal-Benefiċjarji biex jintlaħqu l-oġġettivi miftiehma u tiżgura l-obbligu ta' rendikont u l-progress fil-proċess ta' riforma.***

Or. en

Emenda 511

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni*** tal-Kummissjoni ***għandha tistabbilixxi r-riformi*** li għandhom jiġu implimentati mill-Benefiċjarju, l-oqsma ta' investiment li għandhom jiġu appoġġati u l-kundizzjonijiet ta' pagament li jirriżultaw mill-Aġenda ta' Riforma, inkluża l-iskeda ta' żmien indikattiva.

Emenda

2. ***L-att delegat*** tal-Kummissjoni ***għandu jistabbilixxi r-riformi*** li għandhom jiġu implimentati mill-Benefiċjarju, l-oqsma ta' investiment li għandhom jiġu appoġġati u l-kundizzjonijiet ta' pagament li jirriżultaw mill-Aġenda ta' Riforma, inkluża l-iskeda ta' żmien indikattiva.

Or. en

Emenda 512

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni*** tal-Kummissjoni ***għandha tistabbilixxi*** wkoll:

Emenda

3. ***L-att delegat*** tal-Kummissjoni ***għandu jistabbilixxi*** wkoll:

Or. en

Emenda 513
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) L-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ, għar-rapportar u għall-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma inklużi, fejn rilevanti, il-miżuri meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 24;

Emenda

(d) L-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ, għar-rapportar u għall-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma, ***b'mod partikolari l-involviment tal-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi benefiċjarji u partijiet ikkonċernati oħra*** inklużi, fejn rilevanti, il-miżuri meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 24;

Or. en

Emenda 514
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni tista' temenda ***d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni***, b'mod partikolari biex tqis bidla fl-ammonti disponibbli f'konformità mal-prinċipji skont l-Artikolu 21.

Emenda

2. Il-Kummissjoni tista', ***wara li tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***, temenda ***l-att delegat***, b'mod partikolari biex tqis bidla fl-ammonti disponibbli f'konformità mal-prinċipji skont l-Artikolu 21.

Or. en

Emenda 515

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni tista' temenda ***d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni***, b' mod partikolari biex tqis bidla fl-ammonti disponibbli f'konformità mal-prinċipji skont l-Artikolu 21.

Emenda

2. Il-Kummissjoni tista' temenda ***l-att delegat***, b' mod partikolari biex tqis bidla fl-ammonti disponibbli f'konformità mal-prinċipji skont l-Artikolu 21.

Or. en

Emenda 516

Željana Zovko

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Benefiċjarju jiġġustifikaw emenda għall-Aġenda ta' Riforma, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Aġenda emendata f'konformità mal-Artikolu 14 u tista' temenda ***d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija*** fl-Artikolu 15(1) mingħajr dewmien żejjed.

Emenda

3. Meta l-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Benefiċjarju jiġġustifikaw emenda għall-Aġenda ta' Riforma, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Aġenda emendata f'konformità mal-Artikolu 14 u tista' temenda ***l-att delegat imsemmi*** fl-Artikolu 15(1) mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 517

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-Kummissjoni tqis li r-

Emenda

3. Meta l-Kummissjoni tqis li r-

raġunijiet imressqa mill-Benefiċjarju jiġġustifikaw emenda għall-Aġenda ta' Riforma, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Aġenda emendata f'konformità mal-Artikolu 14 u tista' temenda ***d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija*** fl-Artikolu 15(1) mingħajr dewmien żejjed.

raġunijiet imressqa mill-Benefiċjarju jiġġustifikaw emenda għall-Aġenda ta' Riforma, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Aġenda emendata f'konformità mal-Artikolu 14 u tista' temenda ***l-att delegat msemmi*** fl-Artikolu 15(1) mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 518

Eric Minardi, Joachim Kuhs

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jiġi ffinanzjat l-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità fil-forma ta' self, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tissellef il-fondi meħtieġa fis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 220a tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Emenda

Or. en

Emenda 519

Sunčana Glavak

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tidħol fi ftehim dwar self ***mal-Benefiċjarju***. Il-ftehim ***dwar self għandu jistabbilixxi l-ammont massimu ta' self, il-perjodu ta' disponibbiltà u t-termini u l-kundizzjonijiet dettaljati tal-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità fil-forma ta' self***. Is-self għandu jkollu durata massima ta' 40 sena mill-iffirmar tal-ftehim dwar self.

Emenda

F'konformità mal-obiettivi tal-Faċilità, il-Kummissjoni Ewropea għandha tidħol fi ftehim dwar self ma' kull Benefiċjarju. Dan il-ftehim se jservi bħala l-bażi ġuridika għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju, filwaqt li se jiddeskrivi fid-dettall l-impenji taż-żewġ partijiet u se jiżgura l-użu effettiv u effiċjenti tal-fondi f'allinjament mal-għanijiet tal-Faċilità.

Is-self għandu jkollu durata massima ta' 40 sena mill-iffirmar tal-ftehim dwar self.

Or. en

Emenda 520
Angel Dzhambazki

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tidħol fi ftehim dwar self mal-Benefiċjarju. Il-ftehim dwar self għandu jistabbilixxi l-ammont massimu ta' self, il-perjodu ta' disponibbiltà u t-termini u l-kundizzjonijiet dettaljati tal-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità fil-forma ta' self. Is-self għandu jkollu durata massima ta' **40** sena mill-iffirmar tal-ftehim dwar self.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tidħol fi ftehim dwar self mal-Benefiċjarju. Il-ftehim dwar self għandu jistabbilixxi l-ammont massimu ta' self, il-perjodu ta' disponibbiltà u t-termini u l-kundizzjonijiet dettaljati tal-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità fil-forma ta' self. Is-self għandu jkollu durata massima ta' **35** sena mill-iffirmar tal-ftehim dwar self.

Or. en

Emenda 521
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Tal-inqas **37 %** tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli li jgħaddi mid-WBIF għandu jqis l-objettivi klimatiċi.

Emenda

4. Tal-inqas **50 %** tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli li jgħaddi mid-WBIF għandu jqis l-objettivi klimatiċi, **ikkalkolat f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament 2021/241 li Jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.**

Or. en

Emenda 522

Angel Dzhambazki

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha **tivvaluta mingħajr dewmien żejjed** jekk il-Benefiċjarju jkunx kiseb l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet ta' pagament stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 15(1). L-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandu jippresupponi li l-miżuri relatati mal-istess riformi li għalihom il-Benefiċjarju jkun kiseb eżekuzzjoni sodisfaċenti f' deċiżjonijiet preċedenti ma jkunux ġew imreggħin lura mill-Benefiċjarju. Il-Kummissjoni tista' tkun assistita minn esperti.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha **tivviluppa f'kooperazzjoni mal-linji gwida tal-leġiżlaturi dwar il-valutazzjoni ta'** jekk il-Benefiċjarju jkunx kiseb l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet ta' pagament stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 15(1) **abbażi tal-informazzjoni li jirċievi l-Benefiċjarju u jekk disponibbli kwalunkwe data rilevanti sottomessa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE, l-OLAF u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri**. L-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandu jippresupponi li l-miżuri relatati mal-istess riformi li għalihom il-Benefiċjarju jkun kiseb eżekuzzjoni sodisfaċenti f' deċiżjonijiet preċedenti ma jkunux ġew imreggħin lura mill-Benefiċjarju. Il-Kummissjoni tista' tkun assistita minn esperti.

Or. en

**Emenda 523
Emmanuel Maurel**

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta mingħajr dewmien żejjed jekk il-Benefiċjarju jkunx kiseb l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet ta' pagament stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni **tal-Kummissjoni** msemmija fl-Artikolu 15(1). L-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandu jippresupponi li l-miżuri

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta mingħajr dewmien żejjed jekk il-Benefiċjarju jkunx kiseb l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet ta' pagament stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni **tal-Kunsill** msemmija fl-Artikolu 15(1). L-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament għandu jippresupponi li l-miżuri relatati

relatati mal-istess riformi li għalihom il-Benefiċjarju jkun kiseb eżekuzzjoni sodisfaċenti f' deċiżjonijiet preċedenti ma jkunux ġew imreggħin lura mill-Benefiċjarju. Il-Kummissjoni tista' tiġi assistita minn esperti.

mal-istess riformi li għalihom il-Benefiċjarju jkun kiseb eżekuzzjoni sodisfaċenti f' deċiżjonijiet preċedenti ma jkunux ġew imreggħin lura mill-Benefiċjarju. Il-Kummissjoni tista' tiġi assistita minn esperti.

Or. fr

Emenda 524 **Željana Zovko**

Proposta għal regolament **Artikolu 21 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni pożittiva tat-twettiq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet kollha applikabbli, għandha tadotta mingħajr dewmien żejjed deċiżjoni li tawtorizza r-rilaxx ta' fondi li jikkorrispondu għal dawn il-kundizzjonijiet. Dik id-deċiżjoni għandha, f'konformità mal-qsim stabbilit fl-Artikolu 6(4), tistabbilixxi l-ammont ta' fondi li għandhom isiru disponibbli bħala assistenza finanzjarja, li jiġu mgħoddija direttament lill-baġit nazzjonali u l-ammont li għandu jsir disponibbli permezz tad-WBIF. Fir-rigward ta' dawk l-ammonti, id-deċiżjoni għandha tikkostitwixxi l-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 12 għall-ammont ta' fondi li għandhom isiru disponibbli bħala assistenza finanzjarja li tingħadda direttament lill-baġit nazzjonali u l-validazzjoni preliminari msemmija fl-Artikolu 12 għall-ammont li għandu jsir disponibbli permezz tad-WBIF.

Emenda

3. Meta l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni pożittiva tat-twettiq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet kollha applikabbli, għandha tadotta mingħajr dewmien żejjed deċiżjoni li tawtorizza r-rilaxx ta' fondi li jikkorrispondu għal dawn il-kundizzjonijiet. ***Il-Kummissjoni għandha tikkondividi l-valutazzjoni tagħha u tikkonsulta mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill qabel ma tadotta d-deċiżjoni tagħha.*** Dik id-deċiżjoni għandha, f'konformità mal-qsim stabbilit fl-Artikolu 6(4), tistabbilixxi l-ammont ta' fondi li għandhom isiru disponibbli bħala assistenza finanzjarja, li jiġu mgħoddija direttament lill-baġit nazzjonali u l-ammont li għandu jsir disponibbli permezz tad-WBIF. Fir-rigward ta' dawk l-ammonti, id-deċiżjoni għandha tikkostitwixxi l-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 12 għall-ammont ta' fondi li għandhom isiru disponibbli bħala assistenza finanzjarja li tingħadda direttament lill-baġit nazzjonali u l-validazzjoni preliminari msemmija fl-Artikolu 12 għall-ammont li għandu jsir disponibbli permezz tad-WBIF.

Or. en

Emenda 525

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż permezz ta' tpaċija f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self, fil-każ ta' każijiet identifikati ta', jew tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Benefiċjarju, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-Ftehimiet ta' Faċilità jew mill-Ftehimiet ta' Self, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF.

Emenda

7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż permezz ta' tpaċija f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self, fil-każ ta' każijiet identifikati ta', jew tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Benefiċjarju, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-Ftehimiet ta' Faċilità jew mill-Ftehimiet ta' Self, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF. ***L-informazzjoni dwar tali deċiżjonijiet jeħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

Or. en

Emenda 526

Angel Dzhambazki

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż permezz ta' tpaċija f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self, fil-każ ta' każijiet identifikati ta', jew tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Benefiċjarju, jew ksur serju

Emenda

7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż permezz ta' tpaċija f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self, fil-każ ta' każijiet identifikati ta', jew tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Benefiċjarju, jew ksur serju

ta' obbligu li jirriżulta mill-Ftehimiet ta' Faċilità jew mill-Ftehimiet ta' Self, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF.

ta' obbligu li jirriżulta mill-Ftehimiet ta' Faċilità jew mill-Ftehimiet ta' Self, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF *jew mir-rapporti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

Or. en

Emenda 527

David Lega

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż permezz ta' tpaċija f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self, fil-każ ta' każijiet identifikati ta', jew tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Benefiċjarju, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-Ftehimiet ta' Faċilità jew mill-Ftehimiet ta' Self, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF.

Emenda

7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż permezz ta' tpaċija f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self, fil-każ ta' każijiet identifikati ta', jew tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Benefiċjarju, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-Ftehimiet ta' Faċilità jew mill-Ftehimiet ta' Self, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF *u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

Or. en

Emenda 528

Fabienne Keller, Javier Nart, Olivier Chastel, Katalin Cseh

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż permezz ta' tpaċija f'konformità mal-Artikolu 102 tar-

Emenda

7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż permezz ta' tpaċija f'konformità mal-Artikolu 102 tar-

Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self, fil-każ ta' każijiet identifikati ta', jew tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Benefiċjarju, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-Ftehimiet ta' Faċilità jew mill-Ftehimiet ta' Self, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF.

Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self, fil-każ ta' każijiet identifikati ta', jew tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Benefiċjarju, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-Ftehimiet ta' Faċilità jew mill-Ftehimiet ta' Self, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF *u mir-rapporti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

Or. en

Emenda 529

José Manuel Fernandes, Carlos Coelho

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż permezz ta' tpaċija f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self, fil-każ ta' każijiet identifikati ta', jew tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Benefiċjarju, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-Ftehimiet ta' Faċilità jew mill-Ftehimiet ta' Self, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF.

Emenda

7. 7. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, inkluż permezz ta' tpaċija f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jew tas-self, fil-każ ta' każijiet identifikati ta', jew tħassib serju fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Benefiċjarju, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-Ftehimiet ta' Faċilità jew mill-Ftehimiet ta' Self, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF *u/jew mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

Or. en

Emenda 530

Željana Zovko

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tqassam mill-ġdid kwalunkwe ammont imnaqqas skont il-paragrafu 6 jew 7 fost Benefiċjarji oħrajn tal-Faċilità billi temenda d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(1).

Emenda

8. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tqassam mill-ġdid kwalunkwe ammont imnaqqas skont il-paragrafu 6 jew 7 fost Benefiċjarji oħrajn tal-Faċilità billi temenda d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(1). ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel enfasi fuq it-titjib tal-kapaċitajiet ta' assorbiment, filwaqt li tippovdi assistenza teknika lill-benefiċjarji li jkunu għadhom lura f'dan ir-rigward, biex tipprevjeni li dawn jitħallew jibqgħu lura fil-proċess tat-tkabbir.***

Or. en

Emenda 531

José Manuel Fernandes, Carlos Coelho

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Ftehim ta' Faċilità ***għandu jipprevedi*** l-obbligi li ġejjin tal-Benefiċjarju:

Emenda

2. **2.** Il-Ftehim ta' Faċilità ***u l-ftehimiet ta' self għandhom jipprevedu*** l-obbligi li ġejjin tal-Benefiċjarju:

Or. en

Emenda 532

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jieħu miżuri xierqa biex jipprevjeni, jidentifika u jikkoreġi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-

Emenda

(b) jieħu miżuri xierqa biex jipprevjeni, jidentifika u jikkoreġi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-

irregolaritajiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, biex jiġi evitat il-finanzjament doppju u biex jittieħdu azzjonijiet legali għall-irkupru tal-fondi li jkunu ġew miżapproprjati, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti jew programmi ta' investiment fl-ambitu tal-Aġendi ta' Riforma;

irregolaritajiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, biex jiġi **identifikat u** evitat il-finanzjament doppju u biex jittieħdu azzjonijiet legali għall-irkupru tal-fondi li jkunu ġew miżapproprjati, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti jew programmi ta' investiment fl-ambitu tal-Aġendi ta' Riforma;

Or. en

Emenda 533

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari għall-kontrolli fuq l-użu tal-fondi fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-riformi fl-Aġendi ta' Riforma, biex jiġi żgurat il-ġbir ta', u aċċess għal, data adegwata dwar persuni u entitajiet li jirċievu finanzjament għall-implimentazzjoni ta' miżuri tal-Aġenda ta' Riforma taħt il-Kapitolu III;

Emenda

(c) għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari għall-kontrolli fuq l-użu tal-fondi fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-riformi fl-Aġendi ta' Riforma, biex jiġi żgurat il-ġbir ta', u aċċess għal, **f'konformità mal-prinċipji tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data**, data adegwata dwar persuni u entitajiet li jirċievu finanzjament, **inkluża informazzjoni dwar is-sjeda ta' benefiċċju**, għall-implimentazzjoni ta' miżuri tal-Aġenda ta' Riforma taħt il-Kapitolu III;

Or. en

Emenda 534

Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) idaħħal l-informazzjoni kollha relatata mal-implimentazzjoni tal-proġett, b'mod partikolari dwar il-prestazzjoni u l-implimentazzjoni finanzjarja f'sistema ta' informazzjoni interoperabbli pprovduta mill-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 535

Klemen Grošelj, Javier Nart, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) jawtorizza b'mod espliċitu lill-UPPE jeżerċita d-drittijiet tiegħu kif previst fir-Regolament 2017/1939.

Or. en

Emenda 536

Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) (db) għall-fini ta' awditjar, kontroll u kwittanza:

(i) iżomm u jiżgura aċċess min-naħa tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kompetenti tal-Unjoni għall-awditjar u l-kontroll:

- rekords dettaljati dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati, inkluża informazzjoni dwar il-proċeduri nazzjonali tal-aġġudikazzjoni u l-kuntratti ma' intermedjarji u destinatariji, li jindikaw jekk applikabbli l-ammont totali ta' kwalunkwe kofinanzjament nazzjonali, kontribuzzjonijiet nazzjonali oħra, jew kontribuzzjonijiet oħra fl-ambitu tal-

Faċilità tal-Balkani tal-Punent jew fl-ambitu ta' fondi oħra tal-Unjoni; u evidenza li turi l-korrelazzjoni bejn l-għotjiet, l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli jew is-self riċevut u l-kostijiet imġarrba biex jinkisbu l-indikaturi.

Or. en

Emenda 537
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jiżguraw il-funzjonament sħiħ tal-qafas ta' Kontroll Intern tal-Finanzi Pubbliċi. F'dak ir-rigward, dawn għandhom jiżguraw ammont adegwat ta' persunal fis-sistema PIFC kollha sabiex minn naħa waħda ikun permess livell suffiċjenti ta' awditjar u rispett sħiħ tas-sejbiet tal-awditjar min-naħa l-oħra. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tkun tista' twettaq awditu annwali tas-sistema kif ukoll rapport annwali rigward il-funzjonament tal-PIFC fil-pajjiżi benefiċjarji.

Or. en

Emenda 538
Georgios Kyrtos, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-persuni u l-entitajiet li jimplimentaw il-fondi fl-ambitu tal-Faċilità, kif ukoll il-persuni li jkollhom l-għarfien dwar il-proċess ta'

implimentazzjoni, għandhom ikunu jistgħu jirrapportaw l-allegati każijiet ta' korruzzjoni, frodi, irregolaritajiet u amministrazzjoni ħażina permezz ta' għodda diġitali ddedikata, bid-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-protezzjoni tal-informaturi.

Or. en

Emenda 539

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 22a

Bord tal-Awditjar

- 1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Bord tal-Awditjar qabel ma l-Benefiċjarji tal-Balkani tal-Punent iressqu l-ewwel talba għall-pagament.*
- 2. Il-Bord tal-Awditjar għandu jkun magħmul minn membri indipendenti maħtura mill-Kummissjoni. Rappreżentanti tal-Istati Membri u donaturi oħra jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Bord tal-Awditjar.*
- 3. Mill-inqas wieħed minn kull ħames membri tal-Bord tal-Awditjar għandu jkun ċittadin tal-Benefiċjarji, dment li jkollu livell għoli ta' kompetenzi u integrità professjonali muri bil-provi u ma jkollu l-ebda affiljazzjoni personali jew professjonali mal-awtoritajiet jew mal-uffiċjali tal-Benefiċjarji kif ukoll ma' esperti internazzjonali indipendenti b'mod li jista' jintwera bil-provi li jifhmu fl-ekonomija u fis-sistema politika tal-Benefiċjarji.*
- 4. Il-Bord tal-Awditjar għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu f'oġġettività sħiħa u*

jopera f'konformità mal-aħjar Prattiki u standards internazzjonali applikabbli. Għandu jaġixxi mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni, tal-OLAF, tal-Qorti tal-Awdituri u, meta applikabbli, tal-UPPE.

5. Il-Bord tal-Awditjar għandu jaħtar awditur estern indipendenti li jipprovdi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni annwali dwar id-dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet tal-Benefiċjarji li jakkumpanjaw talba għal pagament. Għandu japprova wkoll il-pjan ta' ħidma annwali tal-awditur estern indipendenti.

6. Il-Bord tal-Awditjar għandu jiddeċiedi dwar ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Benefiċjarji dwar l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati wara s-sejbiet tal-awditur estern indipendenti, u jinforma lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Benefiċjarji dwar dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

7. Il-Bord tal-Awditjar għandu jiżgura li jkun hemm dialogu u kooperazzjoni regolari mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

8. Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-Bord tal-Awditjar, il-membri tiegħu u l-persunal tiegħu la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu iSTRUZZJONIJET mingħand il-gvernijiet tal-Benefiċjarji jew mingħand kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija. Għandhom japplikaw garanziji b'saħħithom ta' indipendenza għall-għażla tal-persunal, il-ġestjoni u l-baġit tiegħu.

9. Il-Bord tal-Awditjar għandu jassisti lill-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-ġestjoni ħażina tal-finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità u b'mod partikolari l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-irregolaritajiet li jitwettqu fir-rigward ta' kwalunkwe ammont li jintefaq biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Faċilità.

10. Għal dak l-għan, il-Bord tal-Awditjar għandu jirrapporta regolarment lill-Kummissjoni u lill-kumitati rilevanti tal-

Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u jibgħat lill-Kummissjoni mingħajr dewmien kwalunkwe informazzjoni li jikseb jew li jiġi mgħarraf biha, dwar kwalunkwe każ identifikat, jew tħassib serju fir-rigward ta' ġestjoni ħażina tal-finanzjament pubbliku mwettaq fir-rigward ta' kwalunkwe ammont li jintefaq biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Faċilità, inkluża l-prestazzjoni tagħha.

F'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Bord tal-Awditjar għandu jirrapporta lill-UPPE kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward tagħha l-UPPE jkun jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu. F'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Bord tal-Awditjar għandu jirrapporta lill-UPPE kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward tagħha l-UPPE jkun jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu. Barra minn hekk, il-Bord tal-Awditjar għandu jadotta rakkomandazzjonijiet lill-Benefiċjarji dwar il-każijiet kollha li fihom, fil-fehma tiegħu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Benefiċjarji ma jkunux ħadu l-passi meħtieġa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interessi u l-irregolaritajiet li affettwaw jew li jirriskjaw serjament li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tan-nefqa ffinanzjata fl-ambitu tal-Faċilità u fil-każijiet kollha li fihom jidentifika dgħufijiet li jaffettwaw it-tfassil u l-funzjonament tas-sistema ta' kontroll stabbilita mill-awtoritajiet tal-Benefiċjarji. Il-Benefiċjarji għandhom jimplementaw tali rakkomandazzjonijiet, jew jipprovdu ġustifikazzjoni dwar ir-raġuni għaliex ma jkunux għamli dan. Ir-rapporti tal-Bord tal-Awditjar u l-informazzjoni mingħandu għandhom jintbagħtu wkoll lill-OLAF u, meta applikabbli, lill-UPPE, u jistgħu jiġu kondiviżi mal-awtoritajiet tal-Benefiċjarji rilevanti, speċjalment f'każ li jkollhom bżonn jieħdu passi biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interessi u l-irregolaritajiet, inkluża l-prestazzjoni

tiegħu, kif ukoll biex jinvestigaw u jieħdu azzjonijiet legali kontra reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

11. Il-Bord tal-Awditjar għandu jkollu aċċess għal informazzjoni, bażijiet ta' data u reġistri meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu. Il-ftehim qafas imsemmi fl-Artikolu 9 għandu jiddefinixxi r-regoli u d-dettalji għall-aċċess għal informazzjoni rilevanti mill-Bord tal-Awditjar u l-għoti ta' informazzjoni rilevanti mill-Benefiċjarji lill-Bord tal-Awditjar.

12. Il-Bord tal-Awditjar jista' jgħin lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Benefiċjarji fl-attivitajiet tal-bini tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ġestjoni ħażina tal-fondi pubbliċi. 13. Il-finanzjament tal-Bord tal-Awditjar għandu jiġi ffinanzjat fl-ambitu tal-Artikolu 6(2)(b), inkluż il-finanzjament għall-awditur estern indipendenti maħtur.

Or. en

Emenda 540
Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament
Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 22a

Bord tal-Awditjar

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Bord tal-Awditjar qabel ma l-Benefiċjarji tal-Balkani tal-Punent iressqu l-ewwel talba għall-pagament.

2. Il-Bord tal-Awditjar għandu jkun magħmul minn membri indipendenti maħtura mill-Kummissjoni. Rappreżentanti tal-Istati Membri u donaturi oħra jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex jipparteċipaw fl-

attivitajiet tal-Bord tal-Awditjar.

3. Il-Bord tal-Awditjar għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'oġġettività sħiħa u jopera f'konformità mal-prattiki u standards internazzjonali applikabbli. Għandu jaġixxi mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni, l-OLAF, il-Qorti tal-Awdituri u l-UPPE.

4. Il-Bord tal-Awditjar għandu jiżgura djalogu u kooperazzjoni regolari mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif ukoll mal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

5. Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-Bord tal-Awditjar, il-membri tiegħu u l-persunal tiegħu la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu istruzzjonijiet mingħand il-gvernijiet tal-Benefiċjarji jew mingħand kwalunkwe istituzzjoni, korp, ufficiċju jew aġenzija. Għandhom japplikaw garanziji b'saħħithom ta' indipendenza għall-għażla tal-persunal, il-ġestjoni u l-baġit tiegħu.

6. Il-Bord tal-Awditjar għandu jassisti lill-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-ġestjoni ħażina tal-finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità u b'mod partikolari l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-irregolaritajiet li jitwettqu fir-rigward ta' kwalunkwe ammont li jintefaq biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Faċilità.

7. Għal dak l-għan, il-Bord tal-Awditjar għandu jirrapporta regolarment lill-Kummissjoni u lill-kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u jibgħat lill-Kummissjoni mingħajr dewmien kwalunkwe informazzjoni li jikseb jew li jiġi mgħarraf biha, dwar kwalunkwe każ identifikat, jew tħassib serju fir-rigward ta' ġestjoni ħażina tal-finanzjament pubbliku mwettaq fir-rigward ta' kwalunkwe ammont li jintefaq biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Faċilità, inkluża l-prestazzjoni tagħha. F'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Bord tal-Awditjar għandu jirrapporta lill-UPPE kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward

tagħha l-UPPE jkun jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu. Barra minn hekk, il-Bord tal-Awditjar għandu jadotta rakkomandazzjonijiet lill-Benefiċjarji dwar il-każijiet kollha li fihom, fil-fehma tiegħu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Benefiċjarji ma jkunux ħadu l-passi meħtieġa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interessi u l-irregolaritajiet li affettwaw jew li jirriskjaw serjament li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tan-nefqa ffinanzjata fl-ambitu tal-Faċilità u fil-każijiet kollha li fihom jidentifika dgħufijiet li jaffettwaw it-tfassil u l-funzjonament tas-sistema ta' kontroll stabbilita mill-awtoritajiet tal-Benefiċjarji. Il-Benefiċjarji għandhom jimplimentaw tali rakkomandazzjonijiet mingħajr dewmien bla bżonn, jew jipprovdu ġustifikazzjoni dwar ir-raġuni għaliex ma jkunux għamli dan. Ir-rapporti tal-Bord tal-Awditjar u l-informazzjoni mingħandu għandhom jintbagħtu wkoll lill-OLAF u, meta applikabbli, lill-UPPE, u jistgħu jiġu kondiviżi mal-awtoritajiet tal-Benefiċjarji rilevanti, speċjalment f'każ li jkollhom bżonn jieħdu passi biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interessi u l-irregolaritajiet, kif ukoll biex jinvestigaw u jieħu azzjonijiet legali kontra reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

8. Il-Bord tal-Awditjar għandu jkollu aċċess għal informazzjoni, bażijiet ta' data u reġistri meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu. Il-ftehim qafas imsemmi fl-Artikolu 9 għandu jiddefinixxi r-regoli u d-dettalji għall-aċċess għal informazzjoni rilevanti mill-Bord tal-Awditjar u l-ġhoti ta' informazzjoni rilevanti mill-Benefiċjarji lill-Bord tal-Awditjar.

9. Il-Bord tal-Awditjar jista' jassisti lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Benefiċjarji fl-attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ġestjoni ħażina tal-finanzjament

pubbliku.

10. Il-funzjonament tal-Bord tal-Awditjar għandu jiġi ffinanzjat skont l-Artikolu 6, il-paragrafu 2(b), inkluż il-finanzjament għall-awditur estern indipendenti maħtur.

Or. en

Emenda 541

Katalin Cseh, Fabienne Keller, Olivier Chastel

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-parti tal-finanzjament tal-Faċilità mħallas bħala assistenza finanzjarja, li jingħadda direttament lill-baġits nazzjonali tal-Benefiċjarji, il-Kummissjoni għandha tibbaża fuq sistemi ta' kontroll intern eżistenti u mtejbja tal-Benefiċjarji, inklużi l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Awditjar u, meta jkun applikabbli, is-Servizzi ta' Koordinazzjoni kontra l-Frodi ta' kull Benefiċjarju stabbiliti fil-qafas tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.

Emenda

Għall-parti tal-finanzjament tal-Faċilità mħallas bħala assistenza finanzjarja, li jingħadda direttament lill-baġits nazzjonali tal-Benefiċjarji, il-Kummissjoni għandha tibbaża fuq sistemi ta' kontroll intern eżistenti u mtejbja tal-Benefiċjarji, inklużi l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Awditjar u, meta jkun applikabbli, is-Servizzi ta' Koordinazzjoni kontra l-Frodi ta' kull Benefiċjarju stabbiliti fil-qafas tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni ***kif ukoll fuq sorveljanza minn persuni ċivili lokali, iffaċilitata b'miżuri ta' trasparenza f'konformità mal-istandards tal-UE.***

Or. en

Emenda 542

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-

objettivi ta' dan ir-Regolament.

objettivi ta' dan ir-Regolament *u l-aderenza mal-prinċipji ġenerali fl-Artikolu 4.*

Or. en

Emenda 543

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 24a

Djalogu Regolari mal-Faċilità tal-Balkani tal-Punent

1. Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u biex tiġi żgurata trasparenza u obbligu ta' rendikont akbar, il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet u l-aġenziji rilevanti tal-UE biex kull sitt xhur jiddiskutu l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) l-istat tal-implimentazzjoni tal-Faċilità;

(b) l-istatus u l-valutazzjoni tal-Ftehim tal-Faċilità;

(c) l-istatus tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod speċjali l-Parlamenti nazzjonali;

(d) is-sejbiet ewlenin tal-attivitajiet ta' monitoraġġ definiti f'dan ir-Regolament, inkluż ir-rapport annwali kif definit fl-Artikolu 24;

(e) l-istatus tal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri tal-Ftehimiet ta' Faċilità;

(f) proċeduri ta' pagament, sospensjoni u emerġenza, inkluża kwalunkwe

osservazzjoni ppreżentata u kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda mill-Benefiċjarji biex jiġi żgurat li l-istadji importanti u l-miri jintlaħqu b'mod sodisfaċenti;

(g) kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti oħra pprovduta mill-Kummissjoni lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Faċilità.

2. Il-Parlament Ewropew jista' jesprimi l-fehmiet tiegħu f'riżoluzzjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe element li jirriżulta mill-fehmiet espressi permezz tad-djalogu Regolari mal-Faċilità tal-Balkani tal-Punent, inklużi r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew jekk ikunu pprovduti, anke fil-valutazzjonijiet tagħha u l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

4. It-tabella ta' valutazzjoni msemmija fl-Artikolu XX tista' sservi bħala bażi għad-djalogu.

Or. en

Emenda 544
Eider Gardiazabal Rubial

Proposta għal regolament
Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 24a

Tabella ta' Valutazzjoni tad-WBF

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni tad-WBF (it-“Tabella ta' Valutazzjoni”), li għandha turi l-progress tal-implimentazzjoni tal-aġendi ta' riforma tal-Benefiċjarji f'kull wieħed mill-obiettivi msemmija fl-Artikolu

3. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tikkostitwixxi s-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni tal-Faċilità.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 26 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddefinixxi l-elementi dettaljati tat-Tabella ta' Valutazzjoni bil-ħsieb li turi l-progress fl-implimentazzjoni tal-Faċilità kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tkun operattiva sa Diċembru 2024 u għandha tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa mill-Kummissjoni, malli jsiru disponibbli l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u d-dokumenti essenzjali l-oħra deskritti fl-Artikolu 24a, il-paragrafu (4). It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq sit web, jew portal tal-internet.

4. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tippreżenta wkoll id-dokumenti ewlenin, bħall-Aġenda ta' Riforma, il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Aġenda ta' Riforma, it-talbiet għal pagament mill-Benefiċjarji, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' pagament, id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-aġenda ta' riforma u d-deċiżjonijiet li jawtorizzaw ir-rilaxx tal-fondi.

Or. en

Emenda 545
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 24b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 24b

Tabella ta' Valutazzjoni tal-Faċilità tal-Balkani tal-Punent

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni tad-WBF (it-“Tabella ta' Valutazzjoni”), li għandha turi l-progress tal-implimentazzjoni tal-aġendi ta' riforma tal-Benefiċjarji f'kull wieħed mill-obiettivi msemmija fl-Artikolu

3. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tikkostitwixxi s-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni tal-Faċilità.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 26 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddefinixxi l-elementi dettaljati tat-Tabella ta' Valutazzjoni bil-ħsieb li turi l-progress fl-implimentazzjoni tal-Faċilità kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tkun operattiva sa Diċembru 2024 u għandha tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa mill-Kummissjoni, malli jsiru disponibbli l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u d-dokumenti essenzjali l-oħra deskritti fl-Artikolu 24a, il-paragrafu (4). It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq sit web, jew portal tal-internet.

4. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tippreżenta wkoll id-dokumenti ewlenin, bħall-Aġenda ta' Riforma, il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Aġenda ta' Riforma, it-talbiet għal pagament mill-Benefiċjarji, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' pagament, id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-aġendi ta' riforma u d-deċiżjonijiet li jawtorizzaw ir-rilaxx tal-fondi.

5. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tippreżenta wkoll informazzjoni dwar id-destinatarji finali tal-fondi minn din il-Faċilità.

Or. en

Emenda 546
Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Wara l-31 ta' Diċembru 2027, iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2031, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ex-post tar-Regolament. Dik l-evalwazzjoni ex post għandha tivvaluta l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ilħuq tal-objettivi ta' dan ir-Regolament.

Emenda

1. Wara l-31 ta' Diċembru 2027, iżda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2031, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ex post tar-Regolament ***permezz ta' evalwazzjoni esterna indipendenti***. Dik l-evalwazzjoni ex post għandha tivvaluta l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ilħuq tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq il-proposti tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill għal din l-evalwazzjoni esterna indipendenti.***

Or. en

Emenda 547

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika s-sejbiet u l-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni ex post flimkien mal-osservazzjonijiet u s-segwitu tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri. Din l-evalwazzjoni ex post tista' tiġi diskussa fuq talba tal-Istati Membri. Ir-riżultati għandhom jikkontribwixxu għat-tnejn ta' programmi u azzjonijiet futuri u għall-allokazzjoni tar-riżorsi. Din l-evalwazzjoni ex post u s-segwitu għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika s-sejbiet u l-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni ex post flimkien mal-osservazzjonijiet u s-segwitu tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri. Din l-evalwazzjoni ex post tista' tiġi diskussa fuq talba tal-Istati Membri ***jew tal-Parlament Ewropew***. Ir-riżultati għandhom jikkontribwixxu għat-tnejn ta' programmi u azzjonijiet futuri u għall-allokazzjoni tar-riżorsi. Din l-evalwazzjoni ex post u s-segwitu għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Emenda 548

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, sa punt xieraq, tassoċja l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-Benefiċjarji, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni previst skont dan ir-Regolament, u tista', meta jkun xieraq, tfittex li twettaq evalwazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri u ma' sħab oħrajn b' involviment mill-qrib tal-Benefiċjarji.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sa punt xieraq, tassoċja l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-Benefiċjarji, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet **reġjonali u** lokali fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni previst skont dan ir-Regolament, u tista', meta jkun xieraq, tfittex li twettaq evalwazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri u ma' sħab oħrajn b' involviment mill-qrib tal-Benefiċjarji.

Or. en

Emenda 549

Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikolu 18** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikoli 13, 15, 16, 18, 19, 20, 21 u 24** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 550

Karlo Ressler

f' isem il-Kumitat għall-Baġits

Tonino Picula

**Proposta għal regolament
Artikolu 27a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 27a

Skrutinju Parlamentari

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni għandhom iwettqu djalogu regolari sabiex jiżguraw sorveljanza u skrutinju parlamentari fuq il-Faċilità tal-Balkani tal-Punent. Dan id-djalogu għandu jitwettaq fil-qafas tad-djalogu ġoepolitiku eżistenti ta' livell għoli dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Assistenza għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn iż-żewġ strumenti. Dan id-djalogu għandu jippermetti skambji mal-Parlament Ewropew dwar l-istat tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Faċilità u l-Aġendi ta' Riforma. Id-djalogu għandu jsir mill-inqas tliet darbiet fis-sena fi żminijiet xierqa fiċ-ċiklu ta' implimentazzjoni.

Qabel kull djalogu, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi lill-Parlament:

- 1) l-istat tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Faċilità, b'mod partikolari l-aġendi ta' Riforma u investimenti u riformi relatati;***
- 2) l-Aġendi ta' Riforma, il-valutazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni u kwalunkwe emenda tal-Aġendi ta' Riforma;***
- 3) informazzjoni dwar iż-żamma tal-pagamenti, it-tnaqqis tal-fondi u r-ridistribuzzjoni tal-fondi;***
- 4) valutazzjoni tal-komplementarità bejn l-IPA III u l-Faċilità għal kull waħda mill-miżuri;***
- 5) l-aħħar programmazzjoni finanzjarja dettaljata u kwalunkwe dokument ieħor relatat kemm tal-Faċilità kif ukoll tal-IPA III biex ikun jista' jsir skrutinju koerenti taż-żewġ strumenti għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.***

Emenda 551

Klemen Grošelj, Javier Nart, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

**Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, inkluż, meta jkun applikabbli, billi juru l-emblema tal-Unjoni u dikjarazzjoni ta' finanzjament xierqa li tgħid “iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea”, b’mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi tiġi pprovduta informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil bosta udjenzi, inklużi l-media u l-pubbliku.

Emenda

2. Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni, ***b’mod speċjali l-istituzzjonijiet governattivi u oħrajn pubbliċi***, għandhom jirrikonoxxu ***b’mod attiv u trasparenti*** l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, inkluż, meta jkun applikabbli, billi juru l-emblema tal-Unjoni u dikjarazzjoni ta' finanzjament xierqa li tgħid “iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea”, b’mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi tiġi pprovduta informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil bosta udjenzi, inklużi l-media u l-pubbliku.

Or. en

Emenda 552

Klemen Grošelj, Javier Nart, Katalin Cseh, Petras Auštrevičius

**Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

2a. L-aċċess futur tal-benefiċjarji għall-finanzjament tal-Unjoni għandu jkun jiddependi mill-issodisfar tal-kriterji tal-viżibbiltà kif definit fil-paragrafu 2.

Emenda

Or. en